

# DAWL FRANĠISKAN

## LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

GĦADD 373 OTTUBRU 2017 IS-37 SENA
NEWSPAPER POST IISN 1811-5373

# WERREJ


3 Editorjal
Fr Philip Cutajar OFMCap
Niġġieldu kull tip ta' bullying

5 Katekeżi
Emanuel Micallef
L-Ilsien huwa nar.
Kif timmansa lsienek?
(Ġakbu 3, 1-12)

6 Mill-Kitbiet li Ħallielna
P. Donat Spiteri OFMCap
Il-Parabbola tal-Għani u Lażżru

8 Spiritwalità Franġiskana
Il-Papa Emeritu Benedittu XVI
San Franġisk ta' Assisi

12 Spiritwalità Franġiskana
Fr Charles Buttigieg
Franġisku ta' Assisi: il-qaddis tad-djalogu

14 Knisja Ħajja, Ħidma u Aħbarijiet
Fr Silvestru Bonavia OFMCap
Lejn is-sinodu dwar iż-żgħażagħ u l-500 sena mir-Riforma Luterana taħt l-istilla ta' San Franġisk

16 Ministeri fil-Knisja
Fr Philip Cutajar OFMCap
Mid-djakonat għall-presbiterat

18 Pastorali tas-saħħa
Fr Mario Attard OFMCap
"Kont marid u ġejtu tikkurawni"
Taqbil ta' kuraġġ

20 Volontarjat fl-Artijiet tal-Missjoni
Marisa Camilleri
L-ewwel esperjenza ta' volontarjat ġewwa l-Kenja mal-Grupp Karibu! Malta
(It-Tielet Parti)

21 Reċensjoni
Joe Debattista
HU u jien – ktieb miktub minn Gabrielle Bossis maqlub għall-Malti minn Sr Rosa Muscat FMM

22 Il-Belt Valletta – Ġawhra Unika (8)
Joseph C. Camilleri BA, DEAM, M.Ed. (Pl. & Mgt)
Il-Bibljoteka Nazzjonali

23 Politika Ewropea
Il-Kav. Joe M. Attard
Din mhix l-Ewropa ta' Alcide de Gasperi!

24 Mill-iskola ta' Padre Pio
Vincent Vella
Patri Piju u l-Anġlu Kustodju
(It-tieni parti)

27 Esperjenza F.Act
Charmaine Pisani
"Alla jdawwal id-dlam tiegħi" Samwel 22, 29

28 Missjoni
Messaġġ tal-Papa Franġisku
Jum il-Missjoni – 22 ta' Ottubru 2017 – Il-missjoni fil-qalba tal-fidi Nisranija

31 Kompetizzjoni
Fr Wistin Attard OFMCap
Rokna għat-tfal
Aħseb u Wieġeb
Tisliba Nru 159





## International Stand Up to Bullying Day

Ix-xahar ta' Ottubru huwa ddedikat għall-ġlieda kontra l-bullying f'kull età u f'kull qasam tal-ħajja. Diversi pajjiżi jżommu x-xahar ta' Ottubru bħala żmien li fih titqajjem kuxjenza kontra dan il-ħażen li qed iħalli ħafna ħsara.


Bord Editorjali

Editur
Fr Philip Cutajar OFMCap

Amministratur
Dorian Holland OFS

Distributuri Malta
Alfred Ebejer

Distributuri Għawdex
Pierre E. Buttigieg OFS

Membri
Joe Debattista GFF
Silvana Galea - F.Act

Direzzjoni u Amministrazzjoni

Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

Telefown: 2123 3874, 2122 5525, 2123 4949
Imejl:
dawlfrangiskan@gmail.com

IISN 1811-5373

Disinn u Stampar
Best Print Co. Ltd
Telefown: 2168 0789



© Dawl Franġiskan 2017
Pubblikazzjoni Franġiskani Kapuċċini



Ħlas tal-Abbonament:
€10.00 fis-sena

Kull offerta barra mill-ħlas hi milqugħa bħala għajnuna għall-missjoni u għandha tintbagħat lid-Direttur:

Ċentru Missjoni Kapuċċini,
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-*DAWL FRANĠISKAN* għandhom jiġu indirizzati lill-editur.
Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-*DAWL FRANĠISKAN* dawk l artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.

UNIVERSITY OF MALTA MELITENSIA MAIN LIBRARY



Editorjal
FR PHILIP CUTAJAR OFMCAP

# NIĠĠIELDU KULL TIP TA' BULLYING

*Is-soltu fix-xahar ta' Ottubru fl-editorjal kont nagħtikom xi messaġġ marbut mal-festa li niċċelebraw lil San Franġisk t'Assisi. Imma fil-paġni tar-rivista ser tiltaqgħu ma' ħafna materjal tajjeb dwar dan is-suġġett. Għalhekk ħsibt sabiex din is-sena niddedika l-kitba tiegħi għas-suġġett tal-bullying. Ir-raġuni prinċipali hija li madwar diversi pajjiżi fix-xahar ta' Ottubru jiġi mfakkar il-**Jum Dinji Kontra l-Bullying**.*

## X'inhu l-bullying

Min ma semax b'din il-kelma, jew agħar, forsi anke kien jew għadu vittma ta' bullying? Il-bullying huwa mġiba gravi ta' vjolenza li ssir minn aggressur jew aggressuri kontra persuna jew persuni vulnerabbli li jsiru l-vittma/vittmi. Nistgħu ngħidu li dan kien jeżisti sa mill-bidu tal-ħolqien tal-bniedem. Fil-Bibbja fl-ewwel ktieb, dak tal-Ġenesi, insibu tliet tipi ta' bullying: 1. Ix-xitan fuq Eva; 2. Eva fuq Adam, u 3. żgur l-aktar ċar huwa Kajjin fuq Abel, ħuh, li wasal biex qatlu.

Ma nistgħux ngħidu li dan ma jeżistix, jew li mhuwiex problema anke f'pajjiżna. Kemm qed niltaqgħu ma' każijiet dejjem jiżdiedu ta' bullying, mhux biss fost it-tfal fl-iskola imma anke fil-familja, fuq il-postijiet tax-xogħol, f'postijiet ta' divertiment, fil-politika, fil-Knisja u f'kull qasam ieħor tal-ħajja soċjali. Tant qed jikber u jinfirex li hawn min qed jitkellem dwar "**kultura ta' bullying**". Għedna li hija "**mġiba**" għaliex mhuwiex xi għemil li jsir darba u daqshekk, imma jibqa' jsir b'mod ripetut kontra l-istess persuna/persuni, bl-intenzjoni li jweġġa' u jbaxxi lill-individwu, li jsir vittma ta' abbuż fuq livell fiżiku, emozzjonali, mentali u llum anke fuq livell spiritwali-reliġjuż.

## Motivi

Meta niġu biex nitkellmu dwar "**għaliex?**" nistgħu nagħtu diversi tweġibiet. Il-motivi jistgħu jkunu varji. Tista' tkun l-għira, it-tpattija f'sens ta' vendikazzjoni, kumpless ta' superjorità, nuqqas ta' edukazzjoni/formazzjoni etika, morali u reliġjuża. Ħafna drabi wieħed mill-motivi jista' jkun li l-aggressur ikun qed isofri minn 'low self-esteem'. Imma wieħed mill-motivi l-aktar komuni u dominanti fl-aggressuri tal-bullying huwa l-"**power**", l-abbuż mis-setgħa, jiġifieri li wieħed ifittex li jakkwista ħakma, setgħa fuq il-persuna l-oħra billi jabbuża mid-dgħufija u l-vulnerabilità tagħha. Abbuż ta' poter.

Il-bully ħafna drabi jkun narċisista u jsir arroganti. Xi drabi huwa jagħmel dan bħala maskra biex jaħbi l-mistħija u l-ansjetà li jkun maħkum minnhom. Hemm każi fejn il-bully isir hekk għax xi darba huwa kien il-vittma.



Motivi oħra jistgħu jkunu wkoll id-depression u personality disorders fl-aggressur, li jasal biex ikun addict

għal imġiba aggressiva. Hemm studji li jgħidu li l-bully jista' jkun li jsir hekk minħabba predispożizzjoni ġenetika jew mit-tip ta' formazzjoni u ambjent vjolenti li jkun irċieva u trabba fih. Kien hemm serial killers li saru hekk għax kienu bullied.

## Konsegwenzi

Jista' jkun li għadna m'aħniex konxji biżżejjed tal-konsegwenzi koroh li l-bullying jista' jkollu. Konsegwenzi gravi li jtulu snin twal. Ippruvaw tkellmu ma' persuni li għaddew minn din l-esperjenza għax kienu vittmi ta' bullying fl-iskola, fil-familja jew fuq il-post tax-xogħol, u faċilment tiskopru kemm dawn batew, u allavolja għaddew is-snin għadhom qegħdin ibatu. L-effetti negattivi tal-bullying jistgħu jkunu anke traġiċi. Kien hemm każijiet fejn il-vittma tkissret psikoloġikament u llum tinsab fi sptar mentali, farrket il-futur bil-karriera li dejjem ħolmot li takkwista, ħassret il-karattru sabiħ u ferrieħi li darba kellha, irvinat il-familja tagħha u anke hemm każijiet fejn il-vittma wettqet suwiċidju.

Għalhekk huwa ferm urġenti li kemm bħala gvern u kemm bħala Knisja nieħdu bl-akbar serjetà din il-marda li qed taħkem lil pajjiżna, speċjalment liż-żgħar tagħna. Neħduha bl-akbar serjetà billi ma nitfgħuhiex taħt it-tapit, imma nitkellmu aktar dwarha u nagħmlu minn kollox billi niġġildulha u neqirduha mill-għeruq. L-akbar għodda f'idejna hija l-formazzjoni mibnija fuq l-etika morali u reliġjuża. Hawnhekk ir-reliġjon tagħna, li hija reliġjon ta' mħabba, tgħin ħafna. Ma' dawn tajjeb li l-Parlament Malti jieħu ħsieb jgħaddi liġijiet adegwati bil-għan li jevita u jrażżan din il-problema... xi ħaġa li sa issa ma teżistix!




## Diversi tipi

L-aktar bullying komuni huwa dak verbali, li jsir bil-kliem. Dan iseħħ billi l-aggressur jaqla' laqmijiet, għajdut foloz, theddid, iwaqqa' għaċ-ċajt jew jirredikola. Studju li sar juri li dan it-tip ta' bullying huwa l-aktar komuni fost il-bniet. Dawn jafu jkunu aktar sottili u aggressivi, filwaqt li fost is-subien huwa aktar komuni l-bullying li jsir bi vjolenza fiżika.

Ma' dawn hemm ukoll dak li nsejħulu "relational bullying". Din it-tip ta' vjolenza ssir bl-intenzjoni li tkisser ir-reputazzjoni u l-image soċjali ta' persuna partikolari. Jissejjaħ ukoll "character assassination". Dan hu mifrux f'kull età u f'kull qasam tas-soċjetà, imma jispikka l-aktar fil-politika, fejn il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali jsiru l-għodda preferuta.

Issa għandna wkoll is-"cyber bullying", meta tintuża t-teknoloġija, speċjalment l-internet, bil-għan li ddejjaq, timbarazza, thedded jew toħloq kull tip ta' vjolenza kontra persuna li ssir il-vittma. Dan jista' jissejjaħ ukoll "cyber harassment". Huwa att kriminali b'konsegwenza ta' sentenza ta' ħabs.

**L-appell tiegħi huwa li nagħmlu kulma nistgħu sabiex neqirdu minn għeruqu dan l-ispirtu ħażin li qed jaħkem u jinfirex saħansitra fiż-żgħar tagħna. Irridu edukazzjoni, formazzjoni, u li noħolqu aktar kuxjenza dwar l-għerq ta' dan il-ħażen u l-konsegwenzi tiegħu. Ngħaddu liġijiet li jikkontrollaw din il-marda milli tkompli ssir marda soċjali.**



Katekeżi
EMANUEL MICALLEF

# L-ILSIEN HUWA NAR. KIF TIMMANSA LSIENEK? (ĠAKBU 3, 1-12)

Fuq irħama fiċ-ċimiterju nsibu din il-kitba:

*Taħt din l-irħama jinsab midfun Lawrence Chetcuti, li fl-24 ta' Lulju 1961 beda jrażżan ilsienu.*

Fost l-għemejjel li bihom insiru qaddisin jew le nsibu l-ilsien!

S. 141, 3: "Qegħedli, Mulej, ilġiem fuq fommi; agħmilli l-għassa ma' bieb xufftejja."

Rum. 3, 13-14:

"Ħalqhom bħal qabar miftuħ; bi lsienhom iqarrqu; taħt xufftejhom hemm il-velenu tas-sriep; fommhom mimli saħtiet u mrar."

***Biex nimmansaw ilsienna rridu nagħrfu l-kobor tremend tal-battalja li qed nitqabdu.***
***Naqraw: Ġakbu 3, 1-12***

Erba' veritajiet jgħinuna nagħrfu nimmansaw/nikkontrollaw ilsienna:

### 1. Biex nimmansaw l-ilsien irridu nirrikonoxxu li se jintalab kont minna dwar x'ngħidu. (3, 1-2)

Ġakbu jimmira dritt lejn l-ilsien u jgħid: "Jekk xi ħadd ma jiżbaljax f'dak li jgħid, **dan ikun perfett**."

Ġesù qal: "U ngħidilkom li l-bnedmin f'jum il-ħaqq ghad iridu jaghtu kont ta' kull kelma fiergħa li jkunu qalu, għax minn kliemek tkun iġġustifikat u minn kliemek tkun ikkundannat." Jeħtieġ li nitolbu maħfra lil Missierna u lil min inqasnieh bi lsienna. (Mt. 12, 36-37)

### 2. Biex nimmansaw ilsienna rridu nirrikonoxxu l-qawwa tiegħu għat-tajjeb jew għall-ħażin. (3, 3-5a)

Hemm xebh fis-sens ta' min jinfluwenza d-direzzjoni. San Ġakbu qed jgħid li l-ilsien kapaċi jagħti direzzjoni lil ħajjitna. Jekk ma nikkontrollawhx, idaħħalna fl-inkwiet!

L-ilġiem u t-tmun jagħtu direzzjoni. Bl-istess mod il-bniedem il-ġdid, maħluq fuq ix-xbieha ta' Ġesù, irid jikkontrolla l-ġibdiet tal-bniedem il-qadim u jkun taħt il-kontroll mimli għerf ta' Alla, biex ikun jista' jagħmel il-ġid.

Proverbji 12, 18 jgħid: "Min iqassas bi lsienu jinfed bħal sejf, imma lsien l-għorrief idewwi."

### 3. Biex nimmansaw l-ilsien irridu nirrikonoxxu li hu għajn ta' ħażen terribbli li umanament ma tikkontrollahx. (3, 5b-8)

Alla biss jista' jimmansah. Hu l-Ispirtu s-Santu li jgħammar fina li jagħtina l-ħila (il-frott) li rrażżnu (nikkontrollaw/nimmansaw) kull parti minn ġisimna u moħħna.

### 4. Biex nimmansaw l-ilsien irridu nirrikonoxxu li l-burdati tiegħu jsibu l-għeruq tagħhom mill-għajn tiegħu (3, 9-12).

Kif nistgħu naċċettaw li nbierku lil Missierna u nisħtu lil uliedu? Ġakbu hu dirett: "Dan m'għandux ikun, ħuti." (3, 10b)

Il-punt li qed jagħmel Ġakbu hu bħal ta' Ġesù: "Ja nisel ta' lifgħat, kif tistgħu titkellmu tajjeb meta intom ħżiena? Għax mill-milja tal-qalb jitkellem il-fomm" (Mt. 12, 34). Ġesù qal ukoll: "Imma dak li joħroġ mill-fomm joħroġ mill-qalb, u dan hu li jtebba' lill-bniedem" (Mt. 15, 18).



Mill-Kitbiet li Ħallielna
P. DONAT SPITERI OFMCAP

# IL-PARABBOLA TAL-GĦANI U LAŻŻRU

**Lq. 16, 19-31**

"Mela kien hemm raġel għani, jilbes il-porpra u għażel mill-ifjen; l-hena tiegħu kien li jagħmel kuljum ikla mill-aħjar. U wieħed fqir, jismu Lażżru, li kellu ġismu ġerħa waħda, kien imur jinxteħet ħdejn il-bieb ta' daru, bix-xewqa li jixba' b'dak li jaqa' mill-mejda tal-għani. Sa l-klieb kienu jmorru jilagħqu l-ġrieħi tiegħu. Ġara li l-fqir miet u l-anġli ħaduh fi ħdan Abraham. Imbagħad miet ukoll l-għani, u difnuh. Dan, kif sab ruħu fi tbatijiet ħorox f'art l-imwiet, refa' ħarstu u mill-bogħod lemaħ lil Abraham, b'Lażżru fi ħdanu. U għolla leħnu u qallu, 'Missier, Abraham, ikollok ħniena minni u ibgħat lil Lażżru jbill tarf sebgħu fl-ilma, ħa jtaffili n-nixfa li għandi fi lsieni, għax qiegħed ninħaqar wisq f'dan in-nar!' 'Ibni,' qallu Abraham, 'ftakar li t tajjeb tiegħek irċevejtu f'ħajtek; hekk ukoll Lażżru, il-ħażin irċevieh f'ħajtu. Imma issa hu hawnhekk qiegħed jitfarraġ waqt li inti qiegħed tbati. Barra minn dan hemm vojt bla qies bejnkom u bejnna, biex min ikun irid jaqsam minn hawn għal għandkom ma jkunx jista', u anqas ma jgħaddu minn hemm għal għandna.' Qallu l-għani, 'Mela nitolbok, missier, ibagħtu f'dar missieri, għax għandi ħames aħwa, ħalli jagħmlilhom twissija kif imiss, li ma jmorrux huma wkoll jiġu f'dan il-post ta' tbatijiet ħorox!' Qallu Abraham, 'Għandhom lil Mosè u l-Profeti: jisimgħu lilhom.' 'Le, missieri Abraham,' qallu dak, 'imma jekk imur għandhom xi ħadd mill-imwiet, jindmu.' Iżda Abraham wieġbu, 'Jekk ma jisimgħux lil Mosè u l-Profeti, anqas jekk iqum xi ħadd mill-imwiet ma jemmnu.'"

Din il-parabbola għandha wkoll it-tagħlima, bħal dik ta' qabilha (Lq. 16, 1-13), dwar l-użu tajjeb tal-ġid tal-art b'għajnuna lil min hu fil-bżonn; u dan bħala kundizzjoni meħtieġa għal kull min irid ikun tassew dixxiplu ta' Ġesù Kristu.

Fiha żewġ partijiet: f'versi 19-26 l-istorja bħala eżempju, jew il-parabbola, u f'versi 27-31 l-applikazzjoni tagħha bi twissija lis-semmiegħa jew lill-qarrejja. L-aċċent ewlieni tal-messaġġ tal-parabbola jaqa' fuq din it-tieni parti.

Iż-żewġ figuri – l-għani u Lażżru – juru l-kundizzjoni soċjali estrema fil-Palestina ta' dak iż-żmien: wieħed jgħum fil-ġid u l-ieħor mejjet bil-ġuħ.

L-għani jgħix f'lussu u ħala ta' għani li kien. La kien jaħdem u lanqas ibati; kien jistrieħ u jixxala u jiekol u jixrob f'ikliet mill-aħjar. "Kien jilbes il-porpra u għażel fin." Il-porpra kienet drapp aħmar għoli ħafna; setgħu jilbsuh biss l-għonja kbar u s-slaten (Imħ. 8, 26). L-għażel kien għoli ħafna wkoll. Libsa tal-għażel fin u mantar tal-porpra fuqha kienu l-ilbies ta' kuljum ta' dak ir-raġel għani.

Ir-raġel fqir, li la kellu x'jiekol u lanqas x'jilbes, milqut sewwa minn xi marda tal-ġilda, ġismu ġerħa waħda, kien jinxteħet qrib il-bieb tad-dar tal-għani jittallab il-karità u jlaqqat il-loqom tal-ħobż li kienu jarmu l-għani u l-mistednin sħabu. Il-fqir kien jismu Lażżru. Hu biss f'din il-parabbola jissemma b'ismu bħala wieħed mill-figuri tagħha. L-isem "Lażżru" jfisser "Alla jgħinu". Jista' jkun li ismu jissemma biex ifisser aħjar li għalkemm kien fqir kellu 'l Alla miegħu.

Imbagħad wasal it-tmiem – il-mewt għall-fqir u għall-għani. Il-wieħed u l-ieħor ħadu dak li kien ħaqqhom; il-fqir ittieħed fi ħdan Abraham u l-għani f'art l-imwiet. Il-ħlas ta' kull wieħed, tajjeb jew ħażin, hu mfisser b'espressjonijiet meħudin mill-mentalità tal-Lhud ta' dak iż-żmien. Hu wkoll skont il-ħsieb tar-retribuzzjoni jew tat-tpattija kif kienu jaħsbu huma: min ibati f'din id-dinja jgawdi fl-oħra u min igawdi f'din id-dinja jbati fl-oħra. Imma dan mhuwiex il-punt li trid tgħallem il-parabbola. Dak li fehem jgħallem Ġesù permezz ta' din il-parabbola hu dwar l-użu tajjeb tal-flus b'karità ma' min hu fil-bżonn. L-għani ma ġiex ikkundannat għax kien għani; hekk ukoll Lażżru, ma ġiex ippremjat għax kien fqir. Tassew li Ġesù, l-aktar fl-Evanġelju ta' San Luqa, kellu biss kliem iebes għall-għonja u kliem ta' tifħir għall-foqra (Lq. 6, 20-26), imma mill-kuntest tal-parabbola fl-episodji ta' qabilha (Lq. 16, 1-13; 16, 14-17) nifhmu li n-nuqqas tal-għani kien għax ma tax kas tal-fqir Lażżru u ma waqafx miegħu fil-bżonnijiet tiegħu. Dan suppost kien jafu mil-Liġi tat-Testment il-Qadim ("Mosè u l-Profeti" – vers 29). Ġesù wettaq ukoll din il-liġi tal-karità b'tagħlimu (Lq. 11, 41; 18, 22).



Fit-tieni parti tal-parabbola (27-31), taħt forma ta' djalogu bejn l-għani u Abraham, tkompli l-istess tagħlima tal-parabbola, bi twissija lis-semmiegħa ta' Ġesù u lill-qarrejja tal-Evanġelju. Hi sfida biex dawn kollha jaraw jekk humiex miexja fuq l-eżempju tal-għani jew fuq il-Liġi ta' Alla u t-tagħlim ta' Ġesù Kristu dwar il-karità mal-proxxmu. Dan jistgħu jagħmluh għax suppost jafu bih sew mil-Liġi u l-Profeti u sew mill-Evanġelju. M'hemmx għalfejn iqum xi ħadd mill-imwiet biex jgħallimhulhom. Għandhom il-Kelma ta' Alla: jekk jisimgħu lilha biżżejjed; jekk ma jemmnux lilha, lanqas jekk iqum xi ħadd mill-imwiet u jmur iwissihom ma jemmnu.

Jista' jkun li din hi ċanfira għal-Lhud ta' żmien Ġesù, li minħabba l-ebusija ta' rashom la mxew tassew fuq il-Liġi u l-Profeti u lanqas laqgħu t-tagħlim ta' Ġesù.

Ma nagħtux importanza żejda lill-kliem u l-espressjonijiet li bihom hi msawra din il-parabbola u noħorġu minnhom xi teorija dwar il-kwalità tal-ħajja l-oħra ta' wara din. Il-parabbola fiha espressjonijiet Semitiċi kif kienu jaħsbu u jitkellmu l-Lhud ta' dak iż-żmien: "l-anġli ħaduh (lill-fqir) fi ħdan Abraham"; l-għani niżel "f'art l-imwiet" (ix-Xeol), fejn hemm "in-nar"; il-"vojt bla qies" bejn fuq u isfel; madankollu l-għani u l-fqir setgħu jilmħu lil xulxin. Dawn kienu espressjonijiet fit-tagħlim tar-rabbini Lhud ta' dak iż-żmien. Ġesù nqeda bihom fil-kompożizzjoni tal-parabbola biex jiftiehem aħjar min-nies ta' żmienu. Għalina ma għandhom l-ebda valur ieħor ħlief dak li jasserixxu l-fatt tal-premju għat-tajbin u l-kastig għall-ħżiena.



Spiritwalità Franġiskana

Udjenza Ġenerali • Sala tal-Udjenzi Pawlu VI – L-Erbgħa 27 ta' Jannar 2010

IL-PAPA EMERITU BENEDITTU XVI

# SAN FRANĠISK TA' ASSISI

Matul il-pontifikat tiegħu, għalkemm qasir, il-Papa Emeritu Benedittu XVI, teologu għaref u għalliem diliġenti, wettaq b'żelu liema bħalu d-dmir tiegħu ta' ragħaj u minn fuq il-katedra ta' Pietru xerred il-messaġġ dejjem ħaj ta' Kristu. Fl-udjenza ġenerali ta' kull nhar ta' Erbgħa, dan il-Papa ħareġ mit-teżor għani tal-istorja tal-Knisja tagħlim fuq il-figuri kbar tagħha, li b'ħajjithom u bil-kitbiet tagħhom dawlu lid-dinja u wasslulha l-Aħbar it-Tajba. Din hi prova ta' kemm tassew il-kelma tappella għall-intellett daqskemm għall-qalb ta' kull bniedem.

*Fl-udjenza ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Jannar 2010, fl-Aula Paolo VI tal-Vatikan, il-Papa Benedittu XVI tkellem fuq il-figura dejjem maħbuba ta' San Franġisk ta' Assisi, patrun tal-Italja u qaddis meqjum minn bosta, u fost dawn anki min mhux Kattoliku jew saħansitra Kristjan. Qegħdin fix-xahar ta' Ottubru, ix-xahar li fih niċċelebraw il-festa ta' dan il-patrijarka u fundatur qaddis, il-Fqajjar ta' Assisi. Għalhekk ħsibna li jkun pass għaqli li mill-ġdid nippubblikaw, wara 7 snin, dan id-diskors tal Papa Emeritu Benedittu XVI.*

Għeżież ħuti,

F'katekeżi riċenti diġà tkellimt fuq ir-rwol providenzjali li kellhom fit-tiġdid tal-Knisja ta' żmienhom l-Ordni tal-Aħwa Minuri u l-Ordni tal-Predikaturi, imwaqqfa minn San Franġisk ta' Assisi u San Duminku ta' Guzmán rispettivament. Illum nixtieq nippreżentalkom il-figura ta' Franġisku, "ġgant" awtentiku tal-qdusija, li jkompli jsaħħar għal warajh tant persuni ta' kull età u ta' kull reliġjon.

"Twieldet xemx għad-dinja." B'dawn il-kelmiet, fid *Divina Commedia* (*Paradiso*, Canto XI), il-poeta kbir Taljan Dante Alighieri jirreferi għat-twelid ta' Franġisku, li seħħ f'Assisi lejn tmiem is-sena 1181 jew il-bidu tal-1182. Wild familja għanja – missieru kien negozjant tad-drapp – Franġisku għex l-adolexxenza u ż-żgħożija tiegħu b'moħħu frisk u xettel f'qalbu l-ideali kavallereski ta' żmienu. Ta' għoxrin sena ħa sehem f'kampanja militari u safa priġunier. Marad u ngħata l-ħelsien. Wara li rritorna f'Assisi beda fih proċess twil ta' konverżjoni spiritwali, li wasslu biex iħalli ftit ftit l-istil tal-

ħajja tad-dinja li kien ħaddan sa dakinhar. Ta' dan il-perjodu huma l-episodji ċelebri tal-laqgħa mal-imġiddem, li lilu Franġisku, wara li niżel minn fuq iż-żiemel tiegħu, ta l-bewsa tal-paċi, u tal-messaġġ tal-kurċifiss mill-knisja ċkejkna ta' San Damjan. Tliet darbiet Kristu msallab ħa l-ħajja u qallu: "Mur, Franġisku, u sewwi l-Knisja tiegħi, li hi mġarrfa."

Din il-ġrajja sempliċi tal-kelma tal-Mulej li hu sema' fil-knisja ta' San Damjan taħbi fiha simboliżmu profond. San Franġisk mill-ewwel hu msejjaħ biex isewwi din il-knisja żgħira, imma l-qagħda mġarrfa ta' din il-binja hi simbolu tas-sitwazzjoni drammatika u ta' tħassib tal-Knisja nnifisha f'dak iż-żmien, b'fidi superfiċjali li la tifforma u lanqas tittrasforma l-ħajja, bi kleru ftit li xejn żelanti, fejn l-imħabba birdet għalkollox. Kienet il-qerda interjuri tal-Knisja li ġabet magħha wkoll dekompożizzjoni tal-unità, bit-twelid ta' movimenti eretiċi. Minkejja dan, f'din il-Knisja qed tiġġarraf hemm fiċ-ċentru l-kurċifiss, li qed jitkellem: isejjaħ għat-tiġdid, isejjaħ lil Franġisku għal ħidma manwali biex konkretament isewwi l-knisja ċkejkna ta' San Damjan, simbolu tas-sejħa iktar profonda biex iġedded l-istess Knisja ta' Kristu, bir-radikalità tal-fidi tiegħu u bl-entużjażmu ta' mħabbtu għal Kristu.

Din il-ġrajja, li aktarx seħħet fl-1205, tfakkarna fi ġrajja oħra tixbahha, li seħħet fl-1207: il-ħolma tal-Papa Innoċenz III. Dan waqt il-ħolm ra l-Bażilika ta' San Ġwann Lateran, il-knisja omm tal-knejjes kollha, qed tiġġarraf, u wieħed patri ċkejken u insinifikanti qed iżomm il-knisja fuq spallejh biex ma taqax. Minn naħa, interessanti ninnotaw li mhux il-Papa li qed jgħin biex il-knisja ma taqax, imma daqsxejn ta' patri żgħir u insinifikanti, li fih il-Papa jagħraf lil Franġisku meta dan mar iżuru. Innoċenz III kien Papa b'saħħtu, ta' kultura teoloġika kbira, l-istess kif kellu saħħa politika kbira. Minkejja dan, mhux hu li se jġedded il-Knisja, imma l-patri żgħir u insinifikanti. Huwa San Franġisk, imsejjaħ minn Alla. Min-naħa l-oħra, imma, importanti ninnotaw li San Franġisk ma jġeddidx il-Knisja mingħajr jew kontra l-Papa, imma biss f'komunjoni miegħu. Iż-żewġ realtajiet jimxu id f'id: is-suċċessur ta' Pietru, l-isqfijiet, il-Knisja mwaqqfa fuq is-suċċessjoni tal-appostli u l-kariżma ġdida li l-Ispirtu s-Santu joħloq illum biex iġedded il-Knisja. Flimkien joktor it-tiġdid veru.

Nerġgħu lura għall-ħajja ta' San Franġisk. Meta missieru Bernardone ċanfru talli kien ġeneruż iżżejjed mal-foqra, Franġisku, quddiem l-Isqof ta' Assisi, f'ġest simboliku neża' ħwejġu, biex hekk wera li kien qed jiċħad il-wirt li kien imissu. Bħal dakinhar tal-ħolqien Franġisku m'għandu xejn tiegħu ħlief il-ħajja li tah Alla, li f'idejh issa hu jintreħa. Imbagħad għex bħala eremita, sakemm fl-1208 seħħet ġrajja oħra fundamentali fil-mixja tal-konverżjoni tiegħu. Huwa u jisma' silta mill-vanġelu ta' Mattew – id-diskors ta' Ġesù lill-appostli meta bagħathom bil-missjoni tagħhom – Franġisku ħassu msejjaħ jgħix fil-faqar u jiddedika ħajtu għall-predikazzjoni. Miegħu ngħaqdu ħbieb oħra, u fl-1209 mar Ruma biex jippreżenta lill-Papa Innoċenz III l-proġett ta' għamla ġdida ta' ħajja Kristjana. Irċieva laqgħa ta' missier mingħand dak il-Papa kbir li, imdawwal mill-Mulej, f'qalbu lemaħ l-għerq divin tal-moviment mibdi minn Franġisku.

Il-Fqajjar ta' Assisi kien fehem li kull kariżma li jagħti l-Ispirtu s-Santu għandha titqiegħed għas-servizz tal-Ġisem ta' Kristu, li hu l-Knisja; għalhekk hu aġixxa dejjem f'komunjoni sħiħa mal-awtorità ekkleżjastika. Fil-ħajja tal-qaddisin m'hemmx differenza bejn il-kariżma profetika u l-kariżma tat-tmexxija, u jekk tinħoloq xi tensjoni huma jafu jistennew bis-sabar iż-żminijiet imfassla mill-Ispirtu s-Santu.

Fil-fatt xi storiċi tas-sekli dsatax u għoxrin, wara l-figura tradizzjonali tal-qaddis, ippruvaw joħolqu dak li huma sejħulu "Franġisku storiku", l-istess kif wara Ġesù tal-vanġeli ppruvaw joħolqu "Ġesù storiku". Dan Franġisku storiku ma kellux ikun bniedem tal-Knisja, imma bniedem marbut direttament u biss ma' Kristu, bniedem li ried iġedded il-poplu ta' Alla, mingħajr forom kanoniċi u mingħajr ġerarkija. Il-verità hi li San Franġisk kellu tassew relazzjoni l-iżjed immedjata ma' Ġesù u mal-Kelma ta' Alla, li fuqha hu ried jimxi *sine glossa*, hekk kif inhi, fir-radikalità u l-verità kollha tagħha. Hu minnu wkoll li għall-bidu ma kellux il-ħsieb li jwaqqaf ordni bil-forom kanoniċi meħtieġa, imma ried sempliċiment li bil-Kelma ta' Alla u l-preżenza tal-Mulej iġedded il-poplu ta' Alla, isejjaħlu mill-ġdid għas-smigħ tal-Kelma u għall-ubbidjenza kelma b'kelma lejn Kristu. Iktar minn hekk, hu kien jaf li Kristu qatt mhu "tiegħi", imma hu dejjem "tagħna"; li lil Kristu "jien" ma nistax nagħmlu tiegħi u nibnih kontra l-Knisja, ir-

rieda tagħha u t-tagħlim tagħha, imma li biss fil-komunjoni mal-Knisja mibnija fuq is-suċċessjoni tal-appostli tista' tiġġedded ukoll l-ubbidjenza lejn il-Kelma ta' Alla.

Hu minnu wkoll li ma kellux ħsieb li joħloq ordni ġdid, imma biss li lill-Mulej, li ġej, iġeddidlu l-poplu ta' Alla. Imma fehem bi tbatija u b'diqa li kollox irid ikollu l-ordni tiegħu, li anki l-liġi tal-Knisja hi meħtieġa biex tagħti forma lit-tiġdid, u hekk b'mod reali ntefa' b'mod sħiħ, u bil-qalb, fil-komunjoni tal-Knisja, mal-Papa u mal-isqfijiet. Kien dejjem konxju li l-qalba tal-Knisja hi l-Ewkaristija, fejn isiru preżenti l-Ġisem u d-Demm ta' Kristu. Permezz tas-saċerdozju, l-Ewkaristija hi l-Knisja. Fejn is-saċerdozju, Kristu u l-komunjoni tal-Knisja jmorru flimkien, hawn biss tgħammar ukoll il-Kelma ta' Alla. Il-veru Franġisku storiku hu Franġisku tal-Knisja, u sewwasew b'dan il-mod li hu jkellem ukoll lilna li nemmnu u lil dawk li jħaddnu konfessjonijiet u reliġjonijiet oħra.

Franġisku u l-irħieb tiegħu, dejjem jikbru fil-għadd, għażlu bħala darhom il-Porzjunkola, jew il-knisja ta' Santa Marija tal-Anġli, santwarju qaddis pereċċellenza tal-ispiritwalità Franġiskana. Anki Kjara, xbejba żagħżugħa minn Assisi, minn familja nobbli, issieħbet fl-iskola ta' Franġisku. Hekk tnissel it-Tieni Ordni Franġiskan, dak tal-Klarissi, esperjenza oħra li kellha tagħti lill-Knisja frott insinji ta' qdusija.

Anki s-suċċessur ta' Innoċenz III, il-Papa Onorju III, bil-bulla tiegħu *Cum dilecti* tal-1218, sostna l-iżvilupp uniku tal-ewwel Aħwa Minuri, li marru jifthu l-missjonijiet tagħhom f'bosta artijiet tal-Ewropa u saħansitra fil-Marokk. Fl-1219 Franġisku kiseb il-permess li jmur ikellem lis-Sultan Musulman Melek-el-Kâmel fl-Eġittu, biex hemm ukoll jgħallem il-Vanġelu ta' Ġesù. Nixtieq nenfasizza dan l-episodju mill-ħajja ta' San Franġisk, li għadu jgħodd ħafna għal żmienna. F'epoka fejn il-Kristjanezmu u l-Izlam kienu fi ġlieda ma' xulxin, Franġisku, intenzjonalment armat biss bil-fidi u bl-umiltà personali tiegħu, irnexxielu jterraq it-triq tad-djalogu. Il-kronaki jkellmuna fuq l-akkoljenza tajba u kordjali li hu rċieva min-naħa tas-Sultan Musulman. Hu mudell li minnu anki llum għandhom jispiraw ruħhom ir-relazzjonijiet bejn Kristjani u Musulmani: li jippromovu djalogu fil-verità, fir-rispett reċiproku u fil-komprensjoni wieħed tal-ieħor (ara *Nostra ætate*, 3). Imbagħad jidher li fl-1220 Franġisku żar l-Art Imqaddsa, biex hekk qiegħed hemm żerriegħa li kellha tagħmel ħafna frott. L-ulied spiritwali tiegħu, fil-fatt, bidlu l-imkejjen li fihom għex Ġesù fi spazju privileġġjat għall-missjoni tagħhom. Illum naħseb bi gratitudni fil-merti kbar tal-kustodja Franġiskana tal-Art Imqaddsa.



Lura l-Italja Franġisku għadda t-tmexxija tal-Ordni f'idejn il-vigarju tiegħu, Fra Pietru Cattani, waqt li l-Papa fada l-Ordni, li kien qed jiġbor fih dejjem aktar ulied, taħt il-protezzjoni tal-Kardinal Ugolino, il-futur Papa Girgor IX. Min-naħa tiegħu l-fundatur, mogħti kollu kemm hu għall-predikazzjoni, li kienet qed tiżvolġi b'suċċess kbir, ġabar ir-*Regola* tiegħu, li aktar tard ġiet approvata mill-Papa.

Fl-1224, fl-eremitaġġ ta' La Verna, Franġisku kellu viżjoni tal-kurċifiss fil-forma ta' serafin, u minn din il-laqgħa mas-serafin mislub hu rċieva l-pjagi. Hekk hu twaħħad ma' Kristu Mislub: don, mela, li jesprimi l-identifikazzjoni intima tiegħu mal-Mulej.

Il-mewt ta' Franġisku – it-*transitus* tiegħu – seħħet filgħaxija tat-3 ta' Ottubru 1226 fil-Porzjunkola. Wara li bierek l-ulied spiritwali tiegħu hu miet, mimdud mal-art għerja. Sentejn wara,

il-Papa Girgor IX niżżlu fil-lista tal-qaddisin. Ftit taż-żmien wara f'ġieħu nbniet bażilika kbira f'Assisi, sal-lum il-ġurnata destinazzjoni għal ħafna pellegrini, li jistgħu jqimu l-qabar tal-qaddis u jgawdu d-dehra tal-affreski ta' Giotto, pittur li llustra bl-aqwa mod il-ħajja tal-qaddis.

Intqal li Franġisku jirrappreżenta *alter Christus*, jiġifieri kien tassew ikona ħajja ta' Kristu. Hu ġie msejjaħ ukoll "ħu Ġesù". Tabilħaqq dan kien l-ideal tiegħu: li jkun bħal Ġesù, jikkontempla lil Kristu tal-Vanġelu, iħobbu intensament, jimita l-virtujiet tiegħu. B'mod partikolari hu ried jagħti valur fundamentali lill-faqar interjuri u esterjuri, hekk li għallmu wkoll lill-ulied spiritwali tiegħu. L-ewwel beatitudni tad-Diskors tal-Muntanja – "Henjin il-foqra fl-ispirtu għax tagħhom hija s-saltna tas-smewwiet" (Mt. 5, 3) – sabet realizzazzjoni mill-isbaħ fil-ħajja u l-kelmiet ta' San Franġisk. Tassew, għeżież ħbieb, il-qaddisin huma l-aqwa interpreti tal-Bibbja. Billi jinkarnaw f'ħajjithom il-Kelma ta' Alla, huma jagħmluha attraenti iżjed minn qatt qabel, hekk li lilna tkellimna b'mod reali. Ix-xhieda li ta Franġisku, li ħabb il-faqar biex seta' jimxi wara Kristu b'dedikazzjoni u libertà totali, tkompli tkun għalina wkoll stedina biex inxettlu fina l-faqar interjuri ħa nikbru fil-fiduċja f'Alla, u hekk inrawmu stil ta' ħajja sobrju u distakk mill-ġid materjali.

Fi Franġisku l-imħabba lejn Kristu dehret b'mod speċjali fl-adorazzjoni tas-Santissimu Sagrament tal-Ewkaristija. Fil-*Fonti Francescane* naqraw espressjonijiet kommoventi bħalma hi din: "Ħa tibża' l-umanità kollha, ħa jirtogħod l-univers kollu u ħa jifraħ is-sema, meta fuq l-artal, f'id is-saċerdot, jiġi Kristu, l-Iben ta' Alla l-ħaj. O dinjità stupenda! O sublimità umli, li s-Sinjur tal-univers, Alla u Bin Alla, tant jiċċekken li għall-fidwa tagħna jistaħba taħt il-forma ordinarja tal-ħobż!" (Franġisku ta' Asissi, *Scritti*, Editrici Francescane, Padova 2002, 401).

F'din is-sena saċerdotali nieħu gost ukoll niftakar f'rakkomandazzjoni li jagħti Franġisku lis-saċerdoti: "Meta jkunu jridu jiċċelebraw il-quddiesa, safja u b'mod safi, ħa jwettqu bil-qima s-sagrifiċċju veru tal-Ġisem u d-Demm l-iżjed imqaddsa tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu" (Franġisku ta' Assisi, *Scritti*, 399). Franġisku dejjem kien juri rispett kbir lejn is-saċerdoti, u kien jirrakkomanda li jintwerew dejjem rispett, anki jekk personalment ftit kienu jkunu denji. Bħala raġuni għal dan ir-rispett profond kien dejjem iġib il-fatt li huma rċivew id-don li jikkonsagraw l-Ewkaristija. Għeżież ħuti fis-saċerdozju, ma ninsewh qatt dan it-tagħlim: il-qdusija tal-Ewkaristija ssejħilna biex inkunu safja, biex ngħixu b'mod li jaqbel mal-misteru li niċċelebraw.

Mill-imħabba lejn Kristu titwieled l-imħabba lejn l-oħrajn u anki lejn il-ħlejjaq kollha ta' Alla. Hawn hi karatteristika oħra tal-ispiritwalità ta' Franġisku: is-sens tal-fraternità universali u l-imħabba għall-ħolqien, li ispiratu biex jinseġ iċ-ċelebri *Għanja tal-Ħlejjaq*. Hu messaġġ attwali ħafna. Kif fakkart fl-enċiklika riċenti tiegħi *Caritas in veritate*, hu sostenibbli biss dak l-iżvilupp li jirrispetta l-ħolqien u li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent (ara numri 48-52), u fil-messaġġ għall-Jum Dinji tal-Paċi ta' din is-sena enfasizzajt li anki t-tfassil ta' paċi b'saħħitha hu marbut mar-rispett lejn il-ħolqien. Franġisku jfakkarna li fil-ħolqien jesprimu ruħhom l-għerf u t-tjieba tal-Ħallieq. In-natura ġiet maħsuba minnu sewwasew bħala lingwaġġ li bih Alla jitkellem magħna, li fih ir-realtà ssir trasparenti u aħna nistgħu nitkellmu *fuq* Alla u *ma'* Alla.

Għeżież ħbieb, Franġisku kien qaddis kbir u bniedem ta' ferħ. Is-sempliċità tiegħu, l-umiltà tiegħu, il-fidi tiegħu, l-imħabba tiegħu għal Kristu, u t-tjieba tiegħu lejn kull raġel u mara għamluh hieni f'kull sitwazzjoni. Fil-fatt bejn il-qdusija u l-ferħ hemm komuni relazzjoni intima u indissolubbli. Wieħed kittieb Franċiż qal li d-dinja għandha biss diqa waħda: dik li m'aħniex qaddisin, u għalhekk m'aħniex qrib ta' Alla. Meta nħarsu lejn ix-xhieda ta' San Franġisk nifhmu li dan hu s-sigriet tal-veru ferħ: li nsiru qaddisin, qrib ta' Alla!

Tiksbilna dan id-don il-Verġni Mbierka, li Franġisku ħabb bi ħlewwa kbira. Nafdaw ruħna f'riġlejha bl-istess kelmiet tal-Fqajjar ta' Assisi: "Verġni Mqaddsa Marija, li ħadd ma twieled bħalek fost in-nisa tad-dinja, bint u qaddejja tas-Sultan l-iktar għoli u Missier tas-Sema, Omm tas-Sinjur l-aktar qaddis tagħna Ġesù Kristu, għarusa tal-Ispirtu s-Santu, itlob għalina... quddiem l-iktar qaddis u maħbub Iben, Mulej u Mgħallem tiegħek" (Franġisku ta' Assisi, *Scritti*, 163).

*(Inroddu ħajr lil **Francesco Pio Attard** għat-traduzzjoni mit Taljan għal ilsienna.)*



Spiritwalità Franġiskana

FR CHARLES BUTTIGIEG

# FRANĠISKU TA' ASSISI L-QADDIS TAD-DJALOGU

San Franġisk, il-qaddis patrun tal-Italja, huwa l-qaddis tal-paċi u tad-djalogu reliġjuż. Twieled ġewwa Assisi fl-Umbria, l-Italja, fl-1182 minn Giovanni di Pietro di Bernardone u Pica de Bourlemont, li kienet Franċiża, u miet fit-3 ta' Ottubru 1226. Għandu qima f'ħafna pajjiżi tad-dinja u jgawdi rispett anke f'reliġjonijiet mhux Insara, u saħansitra anke minn dawk li ma jħaddnu l-ebda twemmin. San Franġisk waqqaf id-dixxipli tiegħu l-patrijiet Franġiskani, il-'fratres minores', fl-1209 bl-approvazzjoni tal-Papa Innoċenz III. L-isem tiegħu, li huwa marbut mal-faqar, mas-sempliċità u fuq kollox mal-paċi, ispira lill-Papa Franġisku sabiex jagħżel l-isem tiegħu meta laħaq papa.

Ilkoll nafu li l-familja ta' San Franġisk kienet waħda sinjura ħafna, imma xħin beda jara tant faqar fi bliet oħrajn, speċjalment meta mar Ruma, huwa rrinunzja għal dak l-għana kollu u għażel it-triq tal-faqar ħalli jsir ħaġa waħda mal-proxxmu batut. San Franġisk, għalhekk, aktar mill-kliem, bl-eżempju u bil-fatti ried jifforma dan il-pont ta' solidarjetà mal-poplu, li fil-parti l-kbira tiegħu kien jgħix fil-faqar u fl-inġustizzji li kienu qegħdin jikkawżawlhom is-sinjuri bil-ġlied u l-piki bejniethom. Kien għall-ħabta tas-sena 1206 meta Ġesù, mill-kurċifiss tal-knisja mġarrfa ta' San Damjan, tkellem ma' San Franġisk u stiednu biex jirranġa l-knisja li kienet qed tiġġarraf, proprjament mhux il-knisja nnifisha ta' San Damjan imma l-Knisja universali. Il-Knisja kienet qiegħda titlef il-missjoni proprja tagħha, li twettaq l-opri tal-ħniena, u għalhekk kienet qiegħda titbiegħed mill-poplu, li kellu bżonn tassew l-għajnuna, kemm materjali u kemm spiritwali. L-għodod li uża Franġisku kienu tlieta: il-faqar, l-ubbidjenza u l-kastità.

San Franġisk għadda wkoll u mess l-esperjenza qarsa tal-gwerra u l-konsegwenzi negattivi li ġġib: is-suppervja, il-firda u l-ġlied bejn il-bliet. Huwa żgur irrifletta fuq dan kollu u għaraf li din ma kinitx it-triq ġusta tal-paċi, għaliex il-gwerra ġġib iktar gwerer u firda. Dan kollu mbotta lil San Franġisk biex jagħżel it-triq tal-faqar u jxandar il-paċi. Fil-fatt il-ħajja ta' San Franġisk ma ddurx biss mal-inħawi ta' Assisi, imma huwa jiddedika ħajtu għal vjaġġi anke riskjużi, sabiex ixandar ir-riforma tiegħu tal-paċi u tad-djalogu.



Fl-1212 beda l-vjaġġ tiegħu lejn Ġerusalemm, fejn kien hemm il-postijiet qaddisa marbuta ma' Ġesù Kristu, imma kellu jirritorna mill-ewwel wara li salva minn nawfraġju li kellu l-vapur li kien fuqu fid-Dalmazja. Fl-1213 mar il-Marokk, imma meta wasal Spanja kellu jirritorna lura, din id-darba għaliex kien marad sewwa. Fl-1215 huwa mar Ruma għar-raba' konċilju tal-Lateran. Fl-1219 għamel il-vjaġġ għall-Eġittu ġewwa Damietta, biex jiddjaloga mas-Sultan al-Malik al-Kamil (1180-1238), neputi ta' Saladin, fi żmien il-ħames kruċjata, fejn kien qiegħed jixtered ħafna demm innoċenti, speċjalment fl-Art Imqaddsa. Kien kuraġġuż biżżejjed u ma beżax jitkellem fil-palazz tas-Sultan. Fl-1221 mar Sqallija ġewwa Catania u fl-1222 mar Bologna.

Kien kapaċi jikkomunika u jimmansa l-lupu feroċi ta' Gubbio. Hawnhekk huwa wasal għall-medjazzjoni sabiex il-lupu ma joqtol lil ħadd iktar, filwaqt li n-nies ta' Gubbio tawh l-ikel u l-klieb kollha ta' Gubbio ma tawhx fastidju. Kien jikkomunika mal-ħolqien, max-xemx, mal-qamar, man-natura u mal-annimali. Hawnhekk huwa kiteb, fis-sena 1225, wieħed mill-isbaħ innijiet, tassew kapolavur tal-letteratura, *Il-Kantiku tal-Ħolqien* jew *L-Għanja tal-Ħlejjaq*, fejn insibu t-talba ta' ringrazzjament tiegħu lil Alla għall-opra tal-ħolqien: "*Laudato si', mi' Signore*" – "*Tkun imfaħħar, Mulej tiegħi*" – li ispirat it-tema tal-enċiklika riċenti tal-Papa Franġisku dwar l-ambjent u l-ħolqien. Din il-kapaċità tiegħu ta' medjazzjoni u ta' paċi narawha fuq kollox fil-kitbiet tiegħu u f'diversi ittri. Għandu kitbiet lil diversi persuni, fosthom ittra importanti lill-mexxejja tal-popli, "lill-maġistrati, lill-konslijiet, lill-imħallfin, u lill-mexxejja kollha", fejn jgħidilhom: "Qisu li Alla jkun meqjum kif jixraqlu mill-popli kollha fdali lilkom!"



Dan l-ispirtu ta' djalogu deher fuq kollox fid-dixxipli tiegħu wara mewtu, li fuq l-ispirtu tiegħu xerrdu l-evanġelju b'mod paċifiku mad-dinja kollha, fejn fis-sena 1217 il-Franġiskani marru l-Ingilterra. Fis-sena 1245 insibu lill-Franġiskan Taljan Giovanni da Pian del Carpine maħtur bħala Legat tal-Papa u jasal f'Karakorum fil-Mongolja sabiex jikkonverti lit-Tartari. Fl-1275 insibu lill-Franġiskan Taljan Ġwanni ta' Montecorvino bħala Arċisqof ta' Peking fiċ-Ċina, u fl-1291 mar fir-reġjun tal-Madras fl-Indja. Huwa kien megħjun fiċ-Ċina mill-Franġiskan Fra Arnaldu ta' Kolonja u grupp ta' patrijiet Franġiskani, fosthom sitt isqfijiet mibgħuta mill-Papa Klement V fl-1306. Anke l-Franġiskan Odoriku ta' Pordenone qabel is-sena 1331 kien mar ukoll iċ-Ċina. Fis-sena 1500 l-Franġiskani marru l-Brażil. Fl-1519 insibu l-ħidma missjunarja Franġiskana fil-Karibew, il-Messiku, u l-Amerika ta' Isfel. Fl-1572 22 Franġiskan waslu biex jevanġelizzaw f'Asuncion fil-Paragwaj. Fl-1769 għandna l-missjoni tal-Franġiskan Bask Fermin Lasuen de Arasqueta f'San Diego de Acala u fl-1773 f'Alta, Kalifornja.

Is-sempliċità u l-faqar iżda fl-istess ħin il-qawwa tar-rikonċiljazzjoni u l-paċi fl-ispirtu ta' San Franġisk kienu ispiraw lill-Papa San Ġwanni Pawlu II għal laqgħa storika mar-rappreżentanti tar-reliġjonijiet kollha tad-dinja ġewwa Assisi fl-1986, liema ġrajja ġiet ukoll ripetuta fil-laqgħa li għamel il-Papa Benedittu XVI ġewwa Assisi fl-2011. Fl-omelija tal-Papa Franġisku ġewwa Assisi nhar l-4 ta' Ottubru 2013 huwa qal li San Franġisk jgħallimna r-rispett lejn il-persuni kollha u lejn il-ħolqien, kif jitlob huwa stess: "Mulej, agħmilni strument tal-paċi tiegħek; fejn hemm il-mibegħda ħallini nħeġġeġ l-imħabba; fejn hemm il-ħtija ħallini nferrex il-maħfra." Jalla kull wieħed u waħda minna, fuq l-eżempju ta' dan il-kbir qaddis tal-paċi, inkunu wkoll strumenti ta' paċi u sliem permezz tal-opri tal-ħniena.

## Biblijografija


Martello, R., "Payback: a gospel response, from a Franciscan perspective" in *Melanesian Journal of Theology*, 31 (2015) 47-59.

Morali, I., "I principi dottrinali del Decreto Ad Gentes: significato ed attualità dell'opzione conciliare" in *St Miss*, 63 (2014) 45-129.

Sordi, M., *Il Cristianesimo e Roma*, Bologna 1965.

Thomas, S.M., "The way of St Francis? Catholic approaches to Christian-Muslim relations and interreligious dialogue" in *The Downside Review*, 126 (2008) 157-168.




Knisja Ħajja, Ħidma u Aħbarijiet
FR SILVESTRU BONAVIA OFMCAP

# LEJN IS-SINODU DWAR IŻ-ŻGĦAŻAGĦ U L-500 SENA MIR-RIFORMA LUTERANA TAĦT L-ISTILLA TA' SAN FRANĠISK

Qegħdin fix-xahar t'Ottubru, li fih tiddomina l-ħarsa ta' Missierna San Franġisk, mhux biss fil-festa tiegħu imma fuq kollox fil-messaġġ tiegħu, l-aktar b'ħajtu, li ma tiqdiem qatt. Huwa taħt din il-ħarsa b'dan il-messaġġ f'idejna li rridu nagħtu daqqa t'għajn lejn il-Papa Franġisku u lejn is-Sinodu dwar iż-Żgħażagħ, li t-tħejjijiet tiegħu huma fl-aqwa tagħhom u li ser isir bħal daż-żmien sena. Imma rridu ninvolvu lilna nfusna ħafna minn issa: jeħtieġ ninteressaw ruħna aktar f'dak li qed isir, mhux biss minn min huwa fil-qalba ta' din il-ħidma imma minna lkoll, l-aktar bit-talb tagħna, u nħeġġu oħrajn jagħmlu l-istess.

Proprju għal dan il-għan ġew quddiemi, u nixtieq naqsam magħkom, ftit ħsibijiet minn kliem il-Papa Franġisku nnifsu liż-żgħażagħ meta mar Assisi l-ewwel darba, ftit xhur wara li sar papa. Fl-4 t'Ottubru 2013, ħdejn il-Porziuncola, lill-eluf ta' żgħażagħ li kellu quddiemu, il-Papa kellimhom fuq is-sejħa għall-ħajja tal-familja u s-serjetà li jrid ikollhom biex iħejju ruħhom għaliha f'ambjent li xejn ma jgħinhom biex isawru familja kif irid Ġesù, bejn raġel u mara fi mħabba dejjiema. Huwa qalilhom:

"Is-sagrament taż-żwieġ jindokra din l-imħabba bil-grazzja t'Alla u jsaħħilha għeruqha f'Alla nnifsu. B'din l-għajnuna u ċ-ċertezza ta' din is-sejħa tistgħu tkomplu fiż-żgur, u mingħajr biża' ta' xejn tistgħu taffrontaw kollox flimkien."

Imbagħad kellimhom fuq is-sejħa saċerdotali u l-ħajja konsagrata: "Fil-bidu ta' sejħa bħal din dejjem hemm l-esperjenza qawwija t'Alla… Imma huwa importanti li jkollkom relazzjoni ta' kuljum miegħu, tisimgħuh fis-skiet, fil-fond ta' qalbkom meta tkunu quddiemu fit-tabernaklu, titkellmu miegħu u tersqu għas-sagramenti… Hawn Assisi m'hawnx ħtieġa ta' kliem! Hawn Franġisku, hawn Kjara, jitkellmu huma. Il-kariżma tagħhom tkompli ssemma' leħinha lil tant żgħażagħ, tfajliet u ġuvintur, biex iħallu kollox u jimxu wara Ġesù fit-triq tal-Evanġelju… Hawn f'Assisi nħossni nisma' leħen San Franġisk ilenni: 'Vanġelu! Vanġelu!' Dan jgħidu lili wkoll, anzi l-ewwel lili: 'Papa Franġisku, kun qaddej tal-Evanġelju!' Jekk jiena ma nkunx qaddej tal-Evanġelju, ħajti ma tkun tiswa għal xejn…"



### "Ġorru 'l Kristu"

Fl-aħħar il-Papa ħeġġeġ liż-żgħażagħ kollha: "Morru bil-kuraġġ kollu bl-Evanġelju fi qlubkom u f'idejkom; kunu xhieda tal-fidi b'ħajjitkom. Ġorru 'l Kristu fi djarkom, ħabbruh lil ħbiebkom, ilqgħuh intom u aqdu lill-fqar. Agħtu messaġġ ta' ħajja, ta' paċi u ta' tama."

Kliem bħal dan, u ħafna bħalu u aktar, huwa parti mill-messaġġ ta' bażi li joħroġ mid-Dokument Preparatorju għas-Sinodu, li ġie mxandar aktar kmieni dis-sena. Hu kliem li jgħodd għalina lkoll, illum, aħna min aħna!

U ma' dan inżidu kelma żgħira miż-żjara f'Assisi fit-30 anniversarju tal-Laqgħa ta' Talb għall-Paċi, li seħħet bejn it-18 u l-20 ta' Settembru tas-sena l-oħra: "F'din l-art t'Assisi, fejn it-tifkira ta' dak il-bniedem t'Alla Franġisku t'Assisi hija ħajja... tlabna d-don qaddis tal-paċi. Tlabna biex il-kuxjenzi jqumu u jiddefendu l-qdusija tal-ħajja umana, iġibu 'l quddiem il-paċi bejn il-bnedmin u nħarsu l-ħolqien li huwa d-dar komuni tagħna... It-talb isaħħaħ ir-rieda tagħna biex naħdmu flimkien għal paċi vera."

Dik il-laqgħa t'Assisi kienet ukoll immarkata bi spirtu ekumeniku kbir, l-aktar minħabba s-sehem tal-Patrijarka Bartolomew ta' Istanbul, tal-Primat Anglikan Justin Welby u mexxejja Lhud, Musulmani, Buddisti u reliġjonijiet oħra.

Kien b'din il-ħerqa qawwija ta' San Franġisk f'qalbu li sena ilu l-Papa mar f'Lund, l-Iżvezja, biex flimkien ma' mexxejja Nsara oħra, l-aktar dawk Luterani, jieħu sehem fit-tifkira tal-500 sena mir-Riforma, mibdija minn Martinu Luteru. Għalhekk hemm huwa tenna l-istedina ta' Ġesù: "Ibqgħu fl-imħabba tiegħi" (Ġw. 15). Hekk biss nistgħu lkoll, magħqudin flimkien, nagħtu xhieda ta' Ġesù: l-imħabba u l-għaqda flimkien huma l-marka tal-preżenza ta' Ġesù, li rridu nwasslu kull fejn inkunu.

## Riforma ta' ħajjitna

Imma hawn tajjeb niftakru li f'dawn il-ħames sekli mir-Riforma Luterana l-ispirtu ta' San Franġisk deher qawwi u jinħass b'ħafna modi. Il-kontribut pożittiv fix-xhieda vera ta' faqar evanġeliku, li tant kien u huwa meħtieġ fil-Knisja, u li taw l-aktar ir-riformi impenjattivi fl-Ordni Franġiskan u t-twaqqif tal-Ordni Kapuċċin eżatt fil-bidu tar-Riforma fl-1528,





it-tiġdid qawwi fl-Ordni Karmelitan minn Santa Tereża ta' Avila, it-twaqqif ta' ordnijiet reliġjużi ġodda fosthom il-Ġiżwiti u s-Sorijiet Ursolini go Brescia, fl-Italja, ilkoll taw sehem qawwi għal tiġdid fil-Knisja kollha. Barra dan, il-ħidma kbira u x-xhieda b'mod speċjali ta' tant qaddisin f'dawk iż-żminijiet kienu ta' siwi kbir għall-poplu Nisrani. Imma dan irid ikompli, illum ukoll.

Dan l-ispirtu ta' San Franġisk illum, u t-tiġdid li jwassal, huwa mill-ġdid meħtieġ fil-Knisja kollha. Il-Papa, "ta' veru Franġisku li hu, mhux bl-isem biss", irid iwasslu kullimkien bħalma għamel b'mod tassew "maġistrali" fl-enċiklika tiegħu dwar l-ambjent *Laudato Sì* (*Tkun Imfaħħar, Mulej*) u wisq aktar bl-eżempju tiegħu.

Kien b'dan l-ispirtu f'moħħu u f'qalbu li fil-31 t'Ottubru 2016 mar Lund, l-Iżvezja, ma' Knejjes oħra Riformati, immexxijin mill-Federazzjoni Luterana Dinjija, u wara talb flimkien u l-laqgħa mal-Kattoliċi fil-Katidral, ilkoll iffirmaw dokument ta' ħidma flimkien favur il-faqar u ġlieda kontra tiegħu. Kien għalhekk ukoll li fost il-kardinali ġodda li ħatar f'Mejju li għadda, ħatar għall-ewwel darba f'500 sena lill-Isqof Kattoliku Anders Arborelius. Dan kien konvertit mil-Luteraniżmu fl-età ta' 20 sena, sar patri Tereżjan u huwa l-ewwel kardinal mill-Iżvezja fl-istorja tal-Knisja.

Kien ukoll b'dan quddiemi li lestejt it-traduzzjoni tad-dokument importanti maħruġ flimkien mill-Kunsill Pontifiċju għall-Għaqda tal-Insara u l-Federazzjoni Dinjija Luterana. Dokument mill-isbaħ, twil u dettaljat, li jagħti dawl veru u sħiħ dwar kif taħsibha l-Knisja Kattolika llum dwar ir-Riforma u kif il-Luterani bidlu bosta minn fehmiethom fuq il-Papa u l-Knisja. Dan ġie stampat bil-Malti mill-Kummissjoni Ekumenika tal-Arċidjoċesi.

U aħna? Dmirna mhux biss li nifirħu b'din il-ħidma, imma li nagħtu sehemna b'ħajja Nisranija aħjar, biex inżidu d-doża ta' ħajja kif iridha Ġesù minna lkoll bħala dixxipli tiegħu.

FR PHILIP CUTAJAR OFMCAP



# MID-DJAKONAT GĦALL-PRESBITERAT

Nhar is-26 ta' Ġunju fil-Konkatidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta saret l-ordinazzjoni ta' seba' djakni fil-mixja tagħhom lejn is-saċerdozju. Fost dawn is-seba' djakni, ħames reliġjużi u żewġ seminaristi, kien hemm tnejn minnhom Aħwa fil-Fraternità tagħna l-Franġiskani Minuri Kapuċċini. Dawn huma Ħuna Elmar Pace u Ħuna Jethro Bajada. Din l-ordinazzjoni tad-djakonat saret mill-Arċisqof ta' Malta Mons. Charles J. Scicluna. Kienet okkażjoni sabiħa u ta' ferħ li għaliha attendew bosta nies kif ukoll saċerdoti u Aħwa tal-provinċja tagħna. Fl-omelija tiegħu Mons. Arċisqof fakkar lil dawn il-kandidati għall-ordinazzjoni li s-sejħa u l-għażla tagħhom tmur kontra l-kurrent. Huwa fakkarhom ukoll fl-ubbidjenza li huma għandhom lejn is-superjuri tagħhom, liema ubbidjenza turi impenn għall-istedina ta' Ġesù.

## Nawgurawlhom u nitolbu għalihom

F'isimkom ilkoll nixtiequ nawguraw lil dawn Ħutna djakonat mimli servizz fil-Knisja b'risq il-poplu ta' Alla. Imma fuq kollox inkomplu nitolbu għalihom bil-għan li din is-sena li sejrin jgħixu bħala djakni tkun għalihom żmien intensiv ta' preparazzjoni fuq kull livell, bil-għan li meta jasal iż-żmien ikollna minnhom żewġ saċerdoti ġodda fi ħdan il-Knisja u fi ħdan l-Ordni Franġiskan Kapuċċin.

## Fi triqithom lejn Ruma

Dawn iż-żewġ Ħutna, Elmar u Jethro, nhar il-Ġimgħa 28 ta' Lulju ħallew Malta biex marru Ruma, bil-għan li jkomplu jispeċjalizzaw fl-istudju tagħhom bħala preparazzjoni biex 'il quddiem ikunu saċerdoti preparati tajjeb għal kull tip ta' pastorali, li kemm l-Ordni kif ukoll il-Knisja tistenna mingħandhom fid-dinja tal-lum. Huma bħalissa qegħdin bħala studenti-residenti fil-Kulleġġ San Lawrenz ta' Brindisi, li l-Ordni għandu ġewwa Ruma. Ħuna Elmar Pace se jagħmel il-kors li jwasslu għal-liċenzjat fit-Teoloġija Pastorali fl-Università tal-Lateran, filwaqt li Ħuna Jethro Bajada se jattendi l-Università Pontificia Gregoriana għall-kors fl-ispiritwalità. Anke hawnhekk lil dawn Ħutna nawgurawlhom u nitolbu għalihom, bil-għan li jieħdu dan iż-żmien ta' studju bl-akbar serjetà, għaliex għalkemm il-Knisja l-aktar li għandha bżonn huwa ta' saċerdoti qaddisin, imma wkoll il-preparazzjoni akkademika hija meħtieġa, speċjalment quddiem l-esiġenzi tas-soċjetà ta' żmienna.

## Jaqsmu magħna l-esperjenzi tagħhom

*Lil dawn Ħutna qabel ma telqu lejn Ruma għall-istudju tagħhom għamiltilhom xi mistoqsijiet, u huma ġentilment weġbuni, u hawnhekk qed inwasslu lilkom il-qarrejja t-tweġibiet tagħhom.*

### Fra Elmar Pace OFMCap
### Xi jfisser għalik il-ministeru tad-djakonat?

Id-djakonat huwa ministeru ta' servizz, ta' qadi. Fil-fatt il-kelma 'djakonija', kelma li minnha ġejja l-kelma 'djaknu', tfisser 'qadi'. Huwa ministeru



li jagħmilni aktar nixbah lil Ġesù, li qal li "Bin il-Bniedem ma ġiex biex ikun moqdi imma biex jaqdi u jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra."

### Kif u b'liema mod se teżerċita d-djakonat tiegħek bi preparazzjoni għall-presbiterat?

Fil-prattika kif ħa nwettaq dan il-qadi? S'issa dan il-qadi wettaqtu kemm waqt il-quddiesa, fejn qed niġi msejjaħ biex inwassal il-Kelma ta' Alla lill-poplu, kif ukoll ma' ħuti l-patrijiet, bħal pereżempju f'xogħol ta' tindif fil-kunvent jew xogħol fil-kċina, meta kien hemm bżonn li nsajjar għall-fraternità. Barra minn hekk kelli wkoll okkażjonijiet differenti ta' qadi ma' persuni anzjani, ma' persuni fl-isptar kif ukoll waqt funerali, fejn akkumpanjajt lill-mejtin saċ-ċimiterju u ppruvajt inkun ta' appoġġ għall-familjari. Jien naħseb li l-ministeru tad-djakonat huwa ministeru profetiku aktar minn qatt qabel, peress li qed ngħixu f'soċjetà li kulma jmur qiegħda dejjem aktar issir individwalista, b'persuni li huma aktar iffukati fuqhom infushom u ma jimpurtahomx mill-bżonnijiet tal-oħrajn.

Għalkemm fil-Knisja jeżistu dawk li jissejħu 'djakni permanenti', jiġifieri persuni li jiddeċiedu li jibqgħu djakni, id-djakonat tiegħi huwa tranżitorju, peress li s-sena d-dieħla, jekk Alla jrid, jien u tmien djakni oħra se niġu ordnati presbiteri minn Monsinjur Arċisqof.

### Matul din is-sena se tkompli l-istudji tiegħek?

F'dan il-perjodu jien ħa nkun qiegħed nistudja ġewwa Ruma. Se nagħmel il-kors li jwassal għal-liċenzjat fit-Teoloġija Pastorali fl-Università tal-Lateran. B'hekk, minbarra li ma niqafx nikber fuq livell spiritwali, inkompli wkoll nirċievi l-formazzjoni akkademika neċessarja biex inkun nista' dejjem aktar u aħjar naqdi lill-poplu ta' Alla fid-diversi bżonnijiet tiegħu, kemm spiritwali kif ukoll materjali.

## Fra Jethro Bajada OFMCap

### Għażiż Ħuna Jethro, issa li għadek kemm ġejt ordnat għall-ministeru tad-djakonat, tħoss li seħħet xi bidla f'ħajtek?

L-ordinazzjoni tad-djakonat ġabet bidla f'ħajti, l-ewwel nett fil-mod kif nipparteċipa fil-liturġija. L-aktar ministeru dominanti bħala djaknu hu x-xandir tal-kelma. Ta' kull ġimgħa bdejt nagħti ħin biex nipprepara l-omelija tal-Ħadd. Flimkien mal-omelija kelli l-opportunità li naqdi waqt mumenti ta' adorazzjoni, billi nesponi s-sagrament u nagħti l-barka fl-aħħar, l-akkumpanjament tal-mejjet saċ-ċimiterju u t tqarbin tal morda.

### Tista' tqis li dan huwa don ta' Alla għalik?

Għalkemm dawn li semmejt fl-ewwel tweġiba tiegħi jidhru insinifikanti, però jfakkruni li kull mument tal-ħajja huwa don minn Alla u li allura aħna msejħin li ngħixuh bl-aħjar mod possibbli.

### B'liema mod se tgħix iż-żmien tad-djakonat bħala preparazzjoni għall-ordinazzjoni presbiterali?

Bħal diversi pajjiżi, għall-Knisja f'Malta d-djakonat huwa tappa ta' qabel is-saċerdozju li naħseb li hija tappa essenzjali, li sservi ta' preparazzjoni għas-saċerdozju b'mod l-aktar prattiku u effettiv. Għalhekk qed nipprova ngħix din is-sena kemm b'sens akbar ta' qadi kif ukoll bħala preparazzjoni għall-ordinazzjoni saċerdotali.



*Ritratti gentilment mogħtija mill-Kurja Arċiveskovili - Malta*



# "KONT MARID U ĠEJTU TIKKURAWNI" TAQBIL TA' KURAĠĠ




Kont għaddej miexi, kemm kemm miexi, lejn l-Emerġenza, meta nisma', min-naħa tax-xellug, 'il ġewwa fil-kuritur, lil min jgħajjatli: "Patri! Ejja waħda 'l hawn!"

Leħnu kien għoli. U jheżżeż! Ngħidilkom is-sewwa għall-ewwel ħasadni. U reġa', għat-tieni darba, b'qawwa: *"Patri! Ejja ħa nkellmek waħda!"* Issa ġejt bejn ħaltejn x'se naqbad nagħmel. Ma ridtx inkun pastaż u nibqa' għaddej. Iżda f'moħħi kont konxju wkoll li kien hemm persuna oħra tistennieni. Insomma... kienet waħda minn dawk iċ-ċirkustanzi. M'hemmx tagħmel... jew nemmen inkella nitkaħħal! Għalhekk l-ispirtu tiegħi rebaħ fuq moħħi. Għall-erwieħ! It-tensjoni marret fil-belliegħa tan-nar, għax naf li minn hemm kienet ġiet. *"Ġej, ħabib!"* U mort...

Xħin wasalt ħdejh wiċċ ir-raġel xegħel. *"O, Patri!"* qalli, waqt li ħadli idi u beda jbusha waħda wara l-oħra. *"Jiena narak fuq it-televiżjoni. Kemm nieħu pjaċir!"* qalli. Bħalma nħobb inweġibhom is-soltu, meta jgħiduli hekk (u nweġibhom hekk mhux biex nilgħabha tal-umli imma għax tassew nemmen li hekk hu) weġibtu: *"Sieħbi, dak il-Mulej ikun! Mhux jien! Infaħħruh!"*

Lanqas ilħaqt spiċċajt il-kelma li dan ir-raġel ma qallix kelma oħra tassew sabiħa. U lili aqta' kemm ferrħitni! U qabbżitli wkoll demgħa. *"Jiena kont naf lil Fr Joe, Alla jaħfirlu! Dak li kien kappillan il-Marsa."* Imbagħad issokta hekk: *"Issa ħa ngħidlek x'għallimni Ġorġ tal-Mużew: 'Kuraġġ fis-saħħa u fiċ-ċaqliq, u daħħal f'moħħok li int ħa tfiq!'" "Prosit, sieħbi! X'naqra ta' taqbila din!"* dlonk weġibtu jien.

It-taqbil ta' Ġorġ tal-Mużew huwa taqbil mimli tagħlim tal-ħajja. U tal-ħajja ta' dejjem. Lil Ġorġ issa ilni nafu s-snin, nista' ngħid minn meta s-superjuri tiegħi, imnebbħin mill-Ispirtu s-Santu, introduċewni u baqgħu jsejħuli biex naħdem ma' ħutna l-morda. Ġorġ lin-nies iferraħhom għaliex jagħtihom lil Ġesù, bħalma jferraħ u jwasslu lili stess.

Mhux l-ewwel darba li niltaqa' miegħu fir reception tal-isptar. U għid li dak li jkolli f'moħħi nagħmel jitħarbat kollu, għaliex bħal tifel ċkejken nissaħħar minn dak li jgħid Ġorġ. Jew aħjar minn dak li jgħid Ġesù permezz ta' Ġorġ! Aqta' kemm jieħu gost Ġorġ meta ngħidlu: *"Ġorġ! Kemm hi sabiħa din! Illum inpoġġuha status fuq Facebook, eh!"* Meta ngħidlu hekk għajnejh jixegħlu bil-ferħ!

Ġorġ lili dejjem iħobb jgħidli: *"Patri bi tbissima fuq wiċċu l-midneb imur ifittxu."* Inkella jħobb iqabbilli oħra, li tgħidx kemm tinżilli għasel: *"Mulej, żommli moħħi frisk bħalma kien ta' San Franġisk."* Imbagħad għandu taqbila oħra li għalija hija waħda mill-favoriti tiegħi. Fil-fatt meta ngħidha



nimmaġinani nagħmlilha like, bħal ħafna nies li wkoll jagħmlulha like: "*Kelma ħelwa u edukata tiffrankalek battikata.*" U min ma jagħmilx like, hux, lil min, minn fommu jew minn fommha, aqta' kemm joħroġ kliem sabiħ u ta' kuraġġ! Ħa ngħidilkom ħaġa: veru għall-ewwel tidħak b'ċerti battuti, imma lsien li jweġġa' tassew daqs arma terroristika, tafux! Agħar mill-bombi, mill-kalashnikovs u l-istalletti kollha f'daqqa! Vera?

Madankollu, u biex inkun ukoll fil-verità safja f'dak li qed ngħid, Ġorġ tal-Mużew huwa wieħed minn dawk li joffrili xi taqbiliet. Ġieli nħobb insemmi wkoll xi taqbiliet oħra ħelwin li kont smajthom mingħand patrijiet jew nies oħra. Taqbila ħelwa u li kien għallimhieli l-mibki Patri Patrizju Debattista OFMCap, ħabib kbir tiegħi, tgħid hekk:

Meta nsemmiha dak li jkun jinfexx jidħak. Tassew umoristika! Madankollu fiha għerf tassew kbir! Huwa min fil-ħajja ma jintreħiex u jintelaq f'idejn il-Mulej? Min jintreħa jkun tilef it-tama kollha li għandu, kemm fil-Mulej u anki fih innifsu li jdur lejn il-Mulej. Eh, Patri Patrizju, seħħlek tolqot il-musmar fuq rasu, eżatt kif laqtu Ġorġ, għal darb'oħra! L-għaliex kollox idur fuq x'nitfgħu f'dak l-imbierek moħħ!

Taqbila oħra sabiħa li l-Ispirtu ta' Alla kien ta lill-ħabib kbir tiegħi Patri Patrizju kienet din: "*Mut għall-ħajja biex tgħix il-mewt.*" Meta darba din qsamtha ma' xi ħaddiema f'Mater Dei, fejn ngħix parti minn ħajti, persuna qaltli: "*Kemm kien jaf xi jgħid dan il-patri, Patri!*" U veru! L-għaliex il-mibki Patri Joe Saliba OFMCap kien iħobb jiddeskrivi lil Patri Patrizju bħala wieħed li "*għandu l-filosofija tal-ħajja*".

Dawn il-battuti ħelwin, li mhux talli ma jweġġgħux il-qalb ta' dak li jkun, talli tant kemm iferrħuh iġibulu tbissima fuq wiċċu jew wiċċha, anki fuq is-sodda tal-mard, jgħallmuni kemm il-pastorali mal-morda tista' ssir anki permezz ta' kelma mqabbla, basta mimlija bl-imħabba ta' Ġesù.

Kemm għamilt sewwa mela li obdejt lill-Ispirtu s-Santu fija u għafast il-brejk meta dak ir-raġel, b'leħen għoli u li damdam l-Emerġenza, għajjatli biex immur ħdejh! Eh, ħabib, il-Mulej...



***Patri Patrizju Debattista OFMCap***

# RADJU MARIJA

UNIVERSITY OF MALTA MELITENSIA MAIN LIBRARY



Segwi l-esperjenzi u l-avventuri ta' ħutna l-Maltin u l-Għawdxin fl-artijiet tal-missjoni, esperjenzi li jħalluk bla nifs u bla kliem iżda li jimlewk b'ammirazzjoni għall-kuraġġ ta' dawn l-eroj tas-sklet! Kun af bil-proġetti ta' fejda li huma qed iwettqu għal miljuni ta' nies fil-bżonn imxerrda fl-erba' naħat tad-dinja.

Issir taf dan kollu u ħafna aktar fil-programm *VUĊI MISSJUNARJA* li jixxandar kull nhar ta' Ġimgħa fid-9.00pm fuq Radju Marija (102.3FM għal Malta u 107.8FM għal Għawdex) b'ripetizzjoni kull nhar ta' Tlieta fis-6.00am, bi produzzjoni u preżentazzjoni ta' Dr Frank Cassar u Helena Sammut.




Volontarjat fl-Artijiet tal-Missjoni

MARISA CAMILLERI

# L-EWWEL ESPERJENZA TA' VOLONTARJAT ĠEWWA L-KENJA MAL-GRUPP KARIBU! MALTA (It-Tielet Parti)

**"Hija esperjenza li tidħol f'qalbek u ma toħroġ qatt għaliex hija wisq għażiża. Meta tkun hemm tinduna l-veru faqar x'inhu."**

Marisa Camilleri

Parteċipanta fl-2016 Karibu! Malta

Ix-xewqa li nitla' l-Kenja kienet ilha bosta snin miegħi u fl-aħħar waslet. L-esperjenza fil-Kenja kienet waħda indimentikabbli. Li tasal fejn dawk in-nies li naraw fuq it-televixin ma kinitx biss esperjenza unika imma wkoll imprezzabbli. Hija esperjenza li tidħol f'qalbek u ma toħroġ qatt għaliex hija wisq għażiża. Meta tkun hemm tinduna l-veru faqar x'inhu – mhux biss tarah imma tħoss it-tbatija tiegħu. Minn din it-tbatija joħroġ ħafna s-sens ta' apprezzament u kuntentizza ta' dawn l-individwi. Infatti meta tagħtihom xi ħaġa, żgħira kemm hi żgħira, mhux biss juruk il-gratitudni tagħhom iżda jimlewk b'entużjażmu kbir bit-tbissima ġenwina li jagħtuk lura. Fil-verità t-tbissima mimlija mħabba u ferħ tagħtik ħafna aktar sodisfazzjon milli sempliċiment jgħidulek grazzi. Xi ħaġa li skantatni waqt li kont qed



nesperjenza dan il-faqar hija kif jgħixu f'dan il-faqar kollu u jkunu daqshekk ferħanin. Minkejja li permezz tal-midja tieħu idea ta' x'tista' tistenna meta tmur tagħmel esperjenzi ta' volontarjat f'dawn il-pajjiżi, qatt ma tista' verament tifhem l-implikazzjonijiet tal-faqar x'inhuma qabel ma tmissu b'idejk. Fil-fatt jiena nħeġġeġ lil kulħadd jifhem li meta jagħti donazzjoni, anke jekk tkun minima, din tfisser ħafna għan-nies li jibbenefikaw minn dawn il-flus. Għalhekk dejjem inħeġġiġkom li tagħtu d-donazzjonijiet tagħkom. Ukoll ninkoraġġixxi lil dawk li m'għamlux din l-esperjenza jew għad iridu jagħmluha sabiex iwettquha mill-aktar fis possibbli, għaliex ma tinsieha qatt u tibqa' dejjem minquxa f'qalbek.

Is-sens ta' apprezzament tagħhom għamel ħafna impatt fuqi. Xi esperjenzi li nista' nsemmi huma li meta tilgħab magħhom bil-blalen, bil-bżieżaq, tagħtihom karti u kuluri fejn ikunu jistgħu jpinġu, kif ukoll tagħmlilhom in-nail polish, tara l-kuntentizza assoluta kemm tat-tfal kif ukoll tal-ġenituri. Dawn huma affarijiet li qatt ma jkunu ngħatawlhom, jekk mhux permezz ta' gruppi bħal Karibu! Malta, li jmorru jagħmlu dawn l-esperjenzi ta' volontarjat.

Kelli bosta esperjenzi li nista' nirrakkonta minħabba li messewli qalbi, iżda waħda li anke bikkietni kienet il-merħba sabiħa li tawna f'Kipangajeni, li huwa raħal li jagħmel parti mid-djoċesi ta' Malindi. Mal-wasla tagħna, l-adulti tal-lokal flimkien mat-tfal ħejjew żifna tradizzjonali tagħhom sabiex juruna kemm kienu ħerqana li jilqgħuna fir-raħal tagħhom. Xi ħaġa li ġġagħlek taħseb hija l-mużika li huma jużaw sabiex jagħmlu l-melodija għaż-żfin tagħhom. L-istrumenti tagħhom ma huma xejn għajr żerriegħa ġo kontenituri u biċċa zokk tas-siġar li bih jagħtu fuq wicc ta' landa.

Għalkemm m'għandhom xejn minħabba l-faqar li huma jgħixu fih, darba fost l-oħrajn sa anke offrewlna xi ikel minn tagħhom: il-qamħ. B'dan il-ġest tara l-qalb kbira tagħhom, li minkejja li kważi m'għandhom xejn, xorta ġew joffru mill-ftit li għandhom sabiex jagħtuh lilna. Dawn huma l-istess nies li, bil-faqar li hemm, hekk kif toffrilhom biċċa ħobż jibilgħuha.

Is-sens t'apprezzament tagħhom tant huwa kbir li meta konna nagħtuhom l-ilma li konna nixorbu minnu aħna, huma kienu jgħożżuh, għaliex l-ilma li huma jixorbu huwa aħdar u kkontaminat u ma jagħmlilhomx ġid għal saħħithom.

Bħala nies huma reliġjużi ħafna. Il-quddiesa tagħhom iddum madwar tliet sigħat u tkun mimlija żfin u daqq, bl-intenzjoni li permezz ta' din iċ-ċelebrazzjoni jfaħħru 'l Alla bl-aħjar mod possibbli. Fil-fatt waqt il-quddies huma saħansitra joffru l-offerti permezz tad-donazzjonijiet personali tagħhom.

Dawn il-valuri f'dan il-poplu jispikkaw għaliex verament juru l-ġenerożità tagħhom u jagħtu mill-ftit li għandhom sabiex juru s-sens ta' gratitudni tagħhom. Għalhekk aħna għandna nagħmlu l-istess u nirrikonoxxu t-tbatijiet li dawn in-nies jgħaddu minnhom u ngħinuhom. Meta nagħmlu hekk, fil-verità nkunu qed nagħtu aktar lilna nfusna, għaliex il-kuntentizza u s-sodisfazzjon li wieħed iħoss huma imprezzabbli.

---

**REĊENSJONI**

JOE DEBATTISTA

# "HU U JIEN"

## ktieb miktub minn GABRIELLE BOSSIS maqlub għall-Malti minn SR ROSA MUSCAT FMM




Qrajt il-ktieb *HU u jien* tliet darbiet u flejtu kelma b'kelma. Kull darba apprezzajtu aktar mid-darba ta' qabel. Kull darba sibt xi ħaġa ġdida fuq xiex naħseb. Konvint li ser nerġa' naqrah, għax it-togħma tiegħu għoġbitni u għamlitli tajjeb. L-essenza ta' dan il-ktieb tinġabar fil-kliem li nsibu f'Salm 34, 9: "Duqu u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej. Hieni l-bniedem li jistkenn fih!" Nassigurak li t-togħma li ser iħalli fik wara li taqrah ser tkun ukoll waħda bnina u pożittiva għall-aħħar.

Il-messaġġ hu wieħed sempliċi. Il-Mulej jgħid lil kull wieħed u waħda minna: "Ħallini naħdem fikom u bikom, u taraw x'nista' nagħmel għalikom u għall-oħrajn." Ġesù ma kellimx biss lil Gabrielle Bossis imma jkellem lilna wkoll, kuljum, kull ħin u f'kull ċirkostanza. Il-problema hija li ħafna drabi ma nisimgħuhx għax imdawrin bl-istorbju, u l-istorbju, għalkemm ingergru kontrih, fil-verità jogħġobna għax ma jħalliniex naħsbu; jaljenana, jilluppjana, iwassalna biex ngħixu gidba u naħsbu li b'hekk ħa neħilsu mit-toqol tal-ħajja.

Il-Mulej jafna wieħed wieħed u waħda waħda; jaf x'qiegħed itaqqalna u jrid jgħinna nerfgħu s-salib. Miġnun għal imħabbitna. Nazzarda ngħid li ma jgħaddix mingħajrna! Bħal missier li tant iħobb lil uliedu li l ħin kollu jaħseb fihom. Sal-aħħar nifs ta' ħajtu. Hekk il-Mulej Ġesù.

Għalhekk inħoss li dan il-ktieb huwa ħajt ta' kenn u sors ta' inkoraġġiment għal kull min hu għaddej minn xi prova iebsa, minn żmien diffiċli, minn mumenti ta' dubji u qtigħ il-qalb.

Huwa għajn ta' ilma safi għal kull min hu bil-għatx għal sens f'ħajtu, għal dik id-direzzjoni ġusta li twassal fi ħdan Ħallieq ta' ħniena, tjieba u sbuħija bla tarf.



Il-Belt Valletta - Ġawhra Unika (8)

JOSEPH C. CAMILLERI BA, DEAM, M.ED. (PL. & MGT)

# IL-BIBLJOTEKA NAZZJONALI

Fost il-bini ewlieni tal-Belt Valletta hemm il-Bibljoteka Nazzjonali. Dan il-bini jinsab fi Pjazza Repubblika (l-eks Pjazza Reġina). Hawn insibu l-akbar ġabra ta' kotba li għandna f'pajjiżna. Insibu wkoll l-arkivji tal-Ordni mill-oriġini tiegħu f'Ġerusalemm u fiż-żminijiet tiegħu f'Ċipru, Rodi u Malta, kif ukoll ġabra unika ta' gazzetti li ħarġu f'Malta. Dan il-bini hu l-aħħar bini li kien bena l-Ordni f'Malta.

## Storja

Fit-12 ta' Mejju 1555, fi żmien il-Gran Mastru Claude de la Sengle, il-Kunsill tal-Ordni kien ħareġ ordni li l-kotba kollha tal-kavallieri, wara mewthom, jaqgħu f'idejn l-Ordni. Il-Gran Mastru Alof de Wignacourt kompla fl-istess passi tal-Gran Mastru de la Sengle meta pprojbixxa l-bejgħ tal-kotba tal-kavallieri mejtin. Għall-ewwel il-kotba bdew jinġabru fis-swali tal-oratorju tal-knisja ta' San Ġwann. Wara ħaduhom fis-swali ta' fuq is-sagristija. Fl-1751 miet il-Kardinal Gioacchino Portocarrero, li ħalla kollezzjoni kbira ta' kotba. Din il-kollezzjoni nxtrat mill-Balliju Fra Querin de Tencin, bl-għan li bihom jifforma bibljoteka pubblika f'Malta.

Il-Balliju de Tencin kompla jixtri l-kotba mingħand il-kavallieri. Meta ġabar eluf ta' kotba rregalahom lill-Ordni, bil-kundizzjoni li jservu għall-pubbliku. L-ewwel bibljotekarju kien il-Kanonku Dun Franġisk de Soldanis. Issa beda jinħass il-bżonn ta' bini apposta. Fl-1776 bdiet tinbena l-Bibljoteka, fuq pjanta tal-perit Franċiż Stefano Ittar. Wara x-xogħol kompla taħt il-ħarsien ta' Duminku Cachia. Il-bini kien tlesta fl-1786. S'issa l-Bibljoteka kienet tinsab fil-bini tat-Teżor. Fl-4 ta' Ġunju 1812 il-Bibljoteka nfetħet mill-Kummissarju Ċivili, il-Ġeneral Sir Hildebrand Oakes. Fuq l-ixkafef kien hemm madwar 30,000 ktieb.



## Il-gazzetti

Fil-Bibljoteka nsibu wkoll tista' tgħid il-gazzetti u r-rivisti kollha li ġew ippubblikati f'dawn l-aħħar 200 sena. Insibu wkoll mijiet ta' manuskritti, ritratti u mapep qodma li għandhom x'jaqsmu mal-istorja ta' Malta. Ta' min jgħid li fil-Bibljoteka hemm vetrina li fiha minn żmien bdew jiġu murija dokumenti, ritratti u mitt ħaġa oħra marbutin ma' xi aspett tal-istorja lokali.

## Biex inżuru dan il-post dawn huma l-ħinijiet

Minn nofs Ġunju sa Settembru bejn it-8.15 a.m. u s-1.15 p.m. (minn nhar ta' Tnejn sa nhar ta' Sibt). Minn Ottubru sa nofs Ġunju bejn it-8.15 a.m. u l-5.00 p.m. minn nhar ta' Tnejn sa nhar ta' Ġimgħa, u bejn it-8.15 a.m. u s-1.15 p.m. nhar ta' Sibt. Id-dħul hu b'xejn.

Jekk int interessat tagħmel xi riċerka għandek ikollok fuqek il-karta tal-identità. Il-passaport hu tajjeb ukoll.



Politika Ewropea

IL-KAV. JOE M. ATTARD

# DIN MHIX L-EWROPA TA' ALCIDE DE GASPERI!

Jien kont wieħed minn dawk li fl-2004 vvutajt biex Malta tidħol fl-Ewropa, u nemmen bis-sħiħ li minn mindu dħalna l-gżejjer tagħna gawdew bis-sħiħ. Jiddispjaċini iżda li din ma għadhiex l-Ewropa li biha ħolmu Alcide de Gasperi u sħabu, kif spjega tant tajjeb dan l-aħħar l-eks Arċipriet tal-Bażilika ta' San Ġorġ fil-Belt Victoria Monsinjur Dr Joseph Farrugia, President tal-Kummissjoni Malta fl-Ewropa fi ħdan l-Arċidjoċesi ta' Malta, li nebbaħni biex nikteb dan il-kumment. Lil dan il-ħabib ninkuraġġih biex kull darba li jirfes mill-għatba tal-Università 'l ġewwa ma jehdiex itanbar dwar din l-Ewropa u l-veru valuri li kienet tħaddan fit-twelid tagħha. L-anti-Kattoliċiżmu tal-UE llum qed jidher u jinħass sewwa, u kull min verament iħaddan il-valuri Kristjani għandu jħossu fid-dmir li jgħolli sebgħu u jsemma' leħnu u juri bid-dieher id-diżapprovazzjoni tiegħu.

Naqbel perfettament mal-Monsinjur u ddejjaqni ferm l-antireliġjożità tal-elit li jiddominawha, l-anti-Kattoliċiżmu li sikwit jitfaċċa fl-atti tal-Parlament Ewropew u l-antiklerikaliżmu t'għeruq Franċiżi li hu mxerred fl-istituzzjonijiet Ewropej kollha. Inżid naqbel ma' dak kollu li kiteb fl-artiklu tiegħu Mons. Farrugia u ngħid b'wiċċi minn quddiem li jdejjaqni l-poter li għandhom ċerti *lobbies* militanti, bħal dak tal-hekk imsejħa *gays*, bl-aġendi tagħhom biex jimmodifikaw l-antropoloġija umana u l-liġijiet naturali tagħha. Il-kittieb jistmerr ukoll l-arroganza tal-*lobbies* femministi li jabbużaw mill-kappa tad-drittijiet umani biex jimponu d-dritt tal-qtil tat-tfal li għadhom ma twildux, mhux biss bis-soppressjoni tal-fetu bil-*morning after pill* iżda saħansitra bit-tbiċċir bl-imqass tat-tarbija ffurmata u wkoll bl-abbandun tat-trabi mwielda sakemm dawn, waħedhom fuq irħama kiesħa, jieqfu jieħdu n-nifs u jmutu. Dawn affarijiet li qed isiru fis-seklu wieħed u għoxrin, ħbieb! Aħna x'aħna nagħmlu quddiem dan kollu? Ma nistax naċċetta lil dawk l-umanisti li ma jifilħux għall-influwenza fl-istituzzjonijiet Ewropej li għandhom dritt għaliha l-Insara tal-Ewropa, u jagħmlu minn kollox biex idgħajfuhom u jkissruhom.

Bosta drabi ddejjaqni u tirritani l-UE, li għalkemm imnissla u mwielda, kif għedt iktar 'il fuq, minn Kattoliċi kbar bħal Alcide de Gasperi, Harry S Truman u Konrad Adenauer, ġentlomi mogħnija b'valuri u kultura Kattolika liema bħalhom, tirrifjuta li tirrikonoxxi l-għeruq Kattoliċi tagħha u b'mod mill-iktar elitista tinjora x'jaħsbu u xi jridu ċ-ċittadini Ewropej komuni li jiffurmaw il-qalba tal-UE, u li l-valuri tagħhom huma mżebilħa. F'pajjiżna, Kattoliku sa mis-sena 60 w.K. (xi darba msejjaħ *Malta Cattolicissima*), għandna nisa li qed jippromwovu l-legalizzazzjoni tal-*morning after pill* u li qed jheddu li jekk il-liġi ma tgħaddix lesti li jmorru l-Ewropa biex jitkellmu favur dil-pillola abortiva.

Żgur li ħafna bħali li ma jistħux jistqarru t-twemmin Nisrani tagħhom ma jridux dan it-tip ta' Ewropa, u żgur li ma vvutawx biex ikollna Ewropa bħal din. Nibża' li ħafna mil-liġijiet li deħlin huma etikament kontra dak li nafu li hu sewwa. Din hi ħsara li daħħalnieha b'idejna jew ħallejnieha tidħol bla xejn ma għamilna, u għad iddur kontra tagħna. Naqbel ma' ħabibi meta qal li ġejna f'sitwazzjoni li fiha l-istess partiti politiċi ewlenin ta' pajjiżna saru jiftaħru kemm huma demokratiċi b'muftieħ anti-Kattoliku u falzament favur il-bniedem. Nafu dan kollu u ma aħna nagħmlu xejn; għall-kuntrarju, lill-parlamentari tagħna nitbissmulhom u forsi nilagħquhom! Nittama li ma nasalx fi stat li naqbel mal-Ingliżi u nappoġġja l-pass li għamlu f'dawn il-jiem!

Prosit lil Monsinjur Dr Joseph Farrugia għall-artiklu bomba li kiteb dan l-aħħar, li wassalni biex jien ukoll nistkerraħ lil din l-Ewropa li aħna nagħmlu parti minnha u li qed tidher li qed titbiegħed mill-prinċipji li fuqhom twaqqfet snin ilu!



MILL-ISKOLA TA' PADRE PIO

VINCENT VELLA

# PATRI PIJU U L-ANĠLU KUSTODJU

## (It-Tieni Parti)

### Ix-xhieda ta' Patri Alessio Parente

Patri Alessio Parente, li għex għal ħafna snin fl-istess kunvent ma' Patri Piju, huwa xhud ewlieni ta' ħafna episodji li juru l-familjarità li kellu l-missier spiritwali tagħna mal-anġli. Fil-ktieb *Ibgħatli l-Anġlu Kustodju Tiegħek*, li kiteb dan il-patri, jirrakkonta li waranofsinhar, meta Patri Piju kien ikun fuq il-veranda, kien jisimgħu jitkellem minn taħt l-ilsien ma' xi ħadd qrib tiegħu, għalkemm fir-realtà ma kien ikun hemm ħadd. Darba fost l-oħrajn Patri Alessio resaq qrib tiegħu b'xi ftit ittri u staqsieh xi ħaġa. Patri Piju kellmu xi ftit bil-herra u qallu, "Ħares 'l hawn. M'intix tara li qiegħed nagħmel xi ħaġa? Ħallini bi kwieti." Patri Alessio ħa fastidju u telaq minn hemm xi ftit imfantas. Patri Piju induna b'dan u ftit wara reġa' sejjaħ lil Patri Alessio u qallu, "Ma rajtx dawk l-anġli kollha madwari? Dawk kienu l-anġli kustodji tal-ulied spiritwali tiegħi, li ġew biex iwassluli l-messaġġi tagħhom. Jien kelli nagħtihom ir-risposti biex iwassluhom lura."

Patri Alessio kien inkarigat ukoll biex kuljum jgħin lil Patri Piju wara li jqaddes, biex jimxi mill-kappella saċ-ċella tiegħu fil-kunvent. Imma Patri Alessio kellu d-drawwa ħażina li xi drabi kien jibqa' rieqed. Ta' spiss ma kienx jisma' l-iżveljarin idoqq, jew nofsu rieqed kien jerġa' jwaqqfu. "Kull darba li kont nibqa' rieqed," jirrakkonta Patri Alessio, "jien kont nisma' leħen fir-raqda tiegħi, li kien igħidli, 'Alessio! Alessio, ejja isfel!' u taħbit fuq il-bieb taċ-ċella tiegħi. Ninduna li kont tard, naqbeż mis-sodda u noħroġ niġri fil-kuritur biex nara min kien ikun qiegħed isejjaħli, imma ma kien ikun hemm ħadd. Kont nitlaq niġri lejn il-knisja u hemmhekk, bħas-soltu, kont insib lil Patri Piju fi tmiem il-quddiesa, jagħti l-barka tal-aħħar."

"Ġurnata minnhom kont bilqiegħda ħdejn Patri Piju u ħassejtni nistħi għal dan in-nuqqas tiegħi. Kont qiegħed nipprova nispjegalu illi donnu jiena qatt ma kont nisma' l-iżveljarin idoqq, xħin f'daqqa waħda Patri Piju waqqafni u qalli, 'Iva, jien nifhmek. Imma inti taħseb li jien se nibqa' nibgħatlek l-anġlu kustodju tiegħi kuljum biex iqajmek? Aħjar tmur u tixtri żveljarin ġdid.'" Patri Alessio jkompli jgħid, "Hawnhekk indunajt min kien qiegħed iħabbatli mal-bieb taċ-ċella u jsejjaħli fir-raqda tiegħi."

Din ma kinitx l-ewwel darba li Patri Piju bagħat l-anġlu kustodju tiegħu stess lil xi ħadd li jkollu bżonn l-għajnuna.

### L-Anġlu Kustodju... il-messaġġier

Każ ieħor ġara fit-Tieni Gwerra Dinjija (1939–1944). Ċerta Cleonice Morcaldi (oħt is-sindku ta' San Giovanni Rotondo, li kien ħabib kbir ta' Patri Piju) kellha neputi tagħha Giovanni li kien inqabad priġunier u f'sena sħiħa qatt ma semgħet b'aħbaru. Meta marret għand Patri Piju, dan qalilha, "Mur u serraħ moħħok." Wara ftit taż-żmien reġgħet marret għand Patri Piju u qaltlu, "Ħalli nikteb ittra u nagħmel biss l-isem: Giovanni. Int u l-anġlu kustodju ħudu ħsieb wassluha fejn jinsab!" Kitbet l-ittra u poġġietha fuq il-komodina. B'għaġeb kbir tagħha, l-għada filgħodu l-ittra ma sabithiex. Marret għand Patri Piju u dan qalilha, "Rodd ħajr lill-Madonna." Wara ħmistax-il ġurnata rċeviet it-tweġiba tagħha mingħand in-neputi.

Darba oħra ċertu Bernardo Patrizi ħareġ minn sptar fl-Ingilterra sabiex jibgħat telegramma lil Patri Piju, biex jitolbu jiftakar f'ħabiba tiegħu li kienet qed tistenna ħalli tiġi operata. Meta dan Bernardo bagħat it-telegramma u reġa' lura l-isptar, skanta mhux ftit meta r-receptionist tal-isptar qaltlu biex itella' miegħu l-bukkett fjuri u t-telegramma li l-ħabiba tiegħu kienet għadha kif irċeviet. Kienet ir-risposta ta' Patri Piju għat-telegramma li kien għadu kif bagħat. Din ir-risposta kienet tgħid hekk: "Jiddispjaċini

nisma' bil-marda tiegħek. Kun żgura li nitlob għalik." Meta Bernardo mar lura l-Italja żar lil Patri Piju biex jgħidlu li l-ħabiba tiegħu fieqet, u anki biex jirringrazzjah għat-talb tiegħu u għat-telegramma li kien bagħat. Patri Piju qabeż qallu, "X'telegrammi, telegrammi! L-anġli kustodji huma ferm iktar veloċi... u ferm irħas!"

## Minn kitbiet San Piju:

**"Int tgħidli li waqt li t-tbatijiet tiegħek ikunu jikkumbattuk, ħafna drabi ddur lejja bil-ħsieb tiegħek u ssejjaħli. Tajjeb, it-twajjeb Anġlu Kustodju tiegħek xi kultant jgħarrafni b'dawn il-bżonnijiet tiegħek, u mbagħad jiena, fix-xejn tiegħi, dejjem nagħmel dmiri ma' Ġesù biex Hu jirrakkomandak għall-ħniena ta' Missieru."**

(Mill-*Ittri ta' San Piju tal-Pjagi*, Vol. II, n. 30)

**"Tajjeb, kun af li l-Anġlu Kustodju għadu qawwi kontra Satana u s-satelliti tiegħu; il-ħniena tiegħu ma naqsitx u lanqas qatt mhu se jfalli li jiddefendina. Kabbar id-drawwa sabiħa li dejjem taħseb fih; li qrib tagħna hemm Spirtu mis-sema; li min-nieqa sal-qabar ma jħallina qatt għal mument wieħed; jiggwidana, jipproteġina bħala ħabib, bħala ħuna; dejjem ikun ta' konsolazzjoni għalina, speċjalment fl-aktar mumenti ta' dwejjaq."**

(Mill-*Ittri ta' San Piju tal-Pjagi*, Vol. II, n. 64)

## L-Anġlu Kustodju fil-Kotba Mqaddsa

**"Arani, se nibgħat anġlu quddiemek biex iħarsek fit-triq u jwasslek fil-post li jien ħejjejtlek. Qis li tagħtih wiċċ u tisma' kliemu; la tmerihx, għax ma jaħfrilkomx dnubietkom; għax hu jkellimkom f'ismi. Jekk tisma' sewwa minn kliemu u tagħmel kulma ngħidlek, jien inkun l-għadu tal-għedewwa tiegħek u neħodha ma' min jeħodha miegħek."**



***(Eżodu 23, 20-22)***

**"Araw li ma tmaqdrux wieħed minn dawn iż-żgħar, għax ngħidilkom, l-anġli tagħhom fis-sema dejjem jaraw wiċċ Missieri li hu fis-smewwiet."**

(Mattew 18, 10-11)

## It-tifel marid b'deni qawwi

Għalliem u l-mara tiegħu kienu jgħallmu fl-istess skola. Meta ġurnata minnhom marru lura d-dar sabu li t-tifel tagħhom kien marid b'deni qawwi. Ippruvaw il-mediċini kollha li sabu f'darhom bla ebda riżultat. Kien diġà sar nofsillejl. Ir-raġel qal lil martu, "Aħjar issa nippruvaw norqdu, għax għada filgħodu rridu nerġgħu mmorru l-iskola. Int orqod mat-tifel u jien immur norqod fil-kamra l-oħra." Qabel ma raqad ir-raġel ftakar li kien qara f'xi kotba dwar Patri Piju, li wieħed jista' jibgħatlu l-anġlu kustodju bil-bżonnijiet tiegħu.

Huwa hekk għamel, u nnota li kienu saru s-siegħa neqsin ħamsa ta' filgħodu. Fit-tlieta ta' filgħodu qam u l-ewwel ħsieb tiegħu kien kif kien għadda t-tifel. Għalhekk mar jara lit-tifel u sab li ibnu kien għaddielu kollox. B'ferħ kbir fuqu qajjem lil martu u qalilha, "It-tifel tagħna mfejjaq!" Martu bkiet bil-ferħ u qaltlu, "Hija grazzja mingħand Patri Piju. Qabel ma dħalt fis-sodda bgħatt lill-anġlu kustodju għand Patri Piju." Hawnhekk indunaw li t-tnejn li huma kienu għamlu l-istess ħaġa.

Biex juri l-gratitudni tiegħu r-raġel mar San Giovanni Rotondo xi ġimgħat wara biex jirringrazzja lil Patri Piju personalment. Meta dan wasal fis-sagristija tas-Santwarju, hemm ra lil Patri Piju mdawwar b'folla rġiel. Malli l-qaddis lemaħ lill-għalliem, ipponta sebgħu lejh u bid-daħqa qallu, "Magħkom wieħed ma jistax ikollu paċi, lanqas billejl!" Ir-raġel ried jirringrazzjah, imma Patri Piju qallu b'serjetà kbira, "Mur quddiem it-tabernaklu jew quddiem il-Madonna!"

Imma r-raġel, kif kien imħawwad u mistħi għax kulħadd kien qiegħed iħares lejh, staqsieh, "Patri Piju, liema anġlu kustodju wasal l-ewwel għandek, tiegħi jew ta' marti?" Jitbissem, Patri Piju wieġeb, "L-anġlu kustodju tiegħek wasal għandi fis-siegħa neqsin ħamsa ta' filgħodu; dak ta' martek ftit tal-ħin wara."

## L-anġli jservu madwar l-artal

Fl-1959 Patri Alessio Parente kien iservi ta' sagristan fil-knisja tal-Madonna tal-Grazzja f'San Giovanni Rotondo. Patri Piju kien iqaddes fil-ħamsa ta' filgħodu, u kif kien isir dak iż-żmien it-tqarbin tan-nies kien isir wara li tispiċċa l-quddiesa. Għalhekk, meta Patri Piju kien jidħol fis-sagristija wara l-quddiesa, Patri Alessio kien joħroġ biex iqarben lin-nies preżenti fil-knisja. Ħafna kienu jkunu dawk li jitilgħu jitqarbnu xi ftit bil-għaġla, biex wara jmorru fil-knisja ż-żgħira fejn Patri Piju kien ikun iqarar.

Ġurnata minnhom tant kien hemm nies jitqarbnu li l-pissidi kbir li kellu f'idejh Patri Alessio malajr tbattal għalkollox. Filwaqt li patri ieħor kompla jqarben, Patri Alessio mar fuq l-artal u beda jippurifika l-pissidi. Wara li neħħa l-frak li kien baqa', tefa' ftit ilma fil-pissidi, ħaslu sewwa u mesħu tajjeb bil-purifikatur.

Kien għadu kif lesta din il-biċċa xogħol u kien se jpoġġi l-għatu tal-pissidi meta fuq il-lemin tiegħu jilmaħ ostja fl-arja riesqa lejh u wara ftit tinżel ġol-pissidi. Patri Alessio mill-ewwel dawwar rasu lejn il-lemin, imma ħadd ma kien hemm. Il-patri l-ieħor kien għadu jqarben lin-nies. Xħin ra hekk Patri Alessio nħasad. Meta l-patri l-ieħor lesta mit-tqarbin u mar ħdejh, Patri Alessio poġġa l-ostja fil-pissidi tal-patri l-ieħor. Iktar tard matul il-ġurnata Patri Alessio qal l-esperjenza li kien għadda minnha lil Patri Piju, li pront pront qallu, "Kun aktar attent u tgħaġġilx meta tkun tqarben. Irringrazzja lill-anġlu kustodju tiegħek li ma ħalliex lil Ġesù jaqa' fl-art."



Dir-rimarka ta' Patri Piju fakkret lil Patri Alessio f'okkażjoni oħra, meta wieħed mill-patrijiet sħabu qal lil Patri Piju, "Patri Piju, għajnejna mhumiex daqshekk tajbin li nistgħu naraw il-frak żgħir tal-ostji li jaqa' meta nkunu nqarbnu." Patri Piju rrispondieh, "X'taħseb li jkunu jagħmlu l-anġli madwar l-artal?" B'din ir-risposta l-patrijiet fehmu li żgħir kemm ikun żgħir il-frak tal-ostji li jaqa', l-anġli dejjem ikunu lesti biex jiġbruh u jpoġġuh lura fil-pissidi.

## Konklużjoni

Meta aħna noqogħdu nirriflettu dwar episodji bħal dawn, xi kultant naħsbu li din l-imġiba ta' Patri Piju hi xi ftit assurda u anki ma tantx tista' titwemmen malajr. Imma aħna li nemmnu nafu li din l-imġiba mhi stramba xejn, anzi tikkonferma l-eżistenza ta' dawn l-anġli u anki turi l-fidi li Patri Piju kellu fil-veritajiet mgħallma mill-Knisja.

Il-Papa San Piju X kien kiteb: "L-anġli huma l-ministri inviżibbli ta' Alla biex iħarsuna; lil kull bniedem Alla tah wieħed minnhom." Patri Piju għex dawn il-veritajiet skont it-tifsira sempliċi li fihom il-kelmiet: "Anġlu t'Alla, inti ġejt mogħti lili biex tħarisni. Inti wieħed mill-kreaturi t'Alla, u għalhekk trid tobdi din l-ordni li tak Alla. Inti trid toqgħod qrib tiegħi, sewwa jekk jogħġbok u anki jekk le, u inti obbligat li tħarisni."

Illum l-anġli saru moda. Narawhom fil-films, kotba, posters u anki artikli. Imma wieħed jasal biex jieħu l-impressjoni li l-media qed tippreżenta dawn l-anġli bħala frott il-ħolm u l-immaġinazzjoni. F'iktar kliem sempliċi din il-moda tagħti l-impressjoni li l-anġli huma xi ħaġa li ma teżistix. Aħna, bħala Nsara u wlied spiritwali ta' Patri Piju, m'għandniex ninġarru minn kurrenti bħal dawn, iżda nemmnu bis-sħiħ fil-veritajiet li jridna nemmnu fihom il-missier spiritwali tagħna. Dan jikkonfermawh l-episodji minn ħajjet Patri Piju li qrajna iktar 'il fuq. Għalhekk għandna nirrikorru aktar ta' spiss għall-għajnuna tal-anġlu kustodju tagħna.

(Informazzjoni meħuda mill-kotba *The Messenger of the Two Hearts* ta' Renzo Allegri, *Il-Kapuċċin tal-Pjagi* ta' Patri Anton Azzopardi, *Padre Pio – The Pierced Priest* ta' Jim Gallagher, *The Angels and Padre Pio* ta' Michael P. May u websites varji.)

## Talba:

Anġlu t'Alla, li fit-tjubija tiegħu Alla tani biex tħarisni, dawwalli moħħi, ħarisni, żommni u mexxini f'dan il-jum/il-lejl. Ammen.



ESPERJENZA F.ACT
CHARMAINE PISANI

# "ALLA JDAWWAL ID-DLAM TIEGĦI" SAMWEL 22, 29

Għeżież qarrejja,

Jiena Charmaine Pisani, tfajla ta' 28 sena. Ilni nattendi l-grupp F.Act minn Ottubru li għadda. Nista' ngħid li dan il-grupp qed jgħinni biex nitħeġġeġ u nersaq aktar lejn Ġesù u jlaqqagħni ma' żgħażagħ oħra bħali.



F'Marzu li għadda, flimkien ma' 40 żagħżugħ u żagħżugħa oħra, ilqajna l-istedina mill-Aħwa Kapuċċini biex flimkien nagħmlu rtir matul żmien ir-Randan. It-tema li ħadna matul il-mixja tar-Randan kienet "Alla jdawwal id-Dlam Tiegħi", mit-Tieni Ktieb ta' Samwel 22, 29. L-ambjent tal-kunvent tal-patrijiet Tereżjani, ġewwa Tas-Silġ f'Marsaxlokk, għenna nidħlu aktar fir-riflessjoni. F'dak is-skiet u s-sbuħija tan-natura bla ma trid tidħol fik innifsek u tistaqsi: "Kemm inti kbir, Mulej! Ħlaqt kollox perfett għalina. U aħna, ta' bnedmin dgħajfa li aħna, nirribellaw u ħafna drabi neħduha kontra tiegħek!"

Matul dan l-irtir iddiskutejna u rriflettejna kif Alla jista' jdawwal id-dlamijiet ta' ħajjitna u jagħtihom skop. L-għażla hija dejjem f'idejna: kemm jien lesta li nintelaq u nafda ħajti f'idejn dan Alla, li huwa mħabba biss? F'kull deċiżjoni li nieħdu fil-mixja tagħna rridu npoġġu l-fiduċja tagħna fiH.

L-aktar parti li laqtitni kienet il-mument li għalaqna bih. Ġejna mitluba biex niktbu fuq biċċa karta d-dnubiet tagħna u mbagħad nitfgħuhom fil-ħuġġiega tan-nar. Din it-tixbiha kienet tfisser li Alla hekk lest li jinsa u jaħfer in-nuqqasijiet tagħna u jerġa' jagħtina ċans li nerġgħu nibdew mill-bidu. Kif jgħidilna l-Papa Franġisku: "Alla qatt ma jegħja jaħfrilna; ħafna drabi huwa aħna li negħjew nitolbuh maħfra." U dan jiġri ħafna drabi fil-ħajja tagħna, li Alla jkun lest li jdawwal dan id-dlam tagħna, iżda aħna ma nkunux lesti li naċċettaw dan il-dawl ġdid fil-ħajja tagħna.

Kien irtir li għadda bħal leħħa ta' berqa iżda ħalla marka fil-ħajja ta' kull żagħżugħ u żagħżugħa li attendiet għalih. Barra li għenna biex nersqu aktar lejn Ġesù, għenna wkoll biex din l-imħabba tkabbar il-ħbiberija tagħna aktar. Klenu Jlem ll tgħalllmna mlnnhom, sirna nafu aktar lil xulxin, ħadna gost flimkien, qabżitilna xi demgħa wkoll, iżda fuq kollox esperjenzajna aktar mill-qrib din l-imħabba ta' Ġesù għalina.

Dan il-grupp F.Act hu grupp ta' żgħażagħ li jridu jiskopru aktar lil dan Ġesù. Niltaqgħu kull ħmistax, il-Ħamis, ġewwa l-kappella ta' Lourdes, il-Furjana. Ikollna mument ta' talb flimkien imbagħad mument ta' fraternità flimkien. Jekk inti żagħżugħ jew żagħżugħa bħali, u trid tiskopri aktar lil dan Ġesù, ejja ngħaqad magħna.

Il-Mulej jagħtikom is-sliem!






# JUM IL-MISSJONI – 22 TA' OTTUBRU 2017
# IL-MISSJONI FIL-QALBA TAL-FIDI NISRANIJA

Għeżież ħuti,

Din is-sena wkoll il-Jum Dinji Missjunarju qed isejħilna madwar il-persuna ta' Ġesù, "l-ewwel u l-ikbar evanġelizzatur" (Pawlu VI, eżortazzjoni appostolika *Evangelii nuntiandi*, 7), li kontinwament qed jibgħatna nxandru l-Vanġelu tal-imħabba ta' Alla l-Missier bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. Dan il-jum jistedinna nirriflettu mill-ġdid fuq il-missjoni fil-qalba tal-fidi Nisranija. Fil-fatt il-Knisja hi min-natura tagħha missjunarja; kieku ma kinitx hekk ma kinitx tkun iżjed il-Knisja ta' Kristu, imma għaqda fost ħafna oħrajn, li ma ddumx ma tispiċċa titlef l-iskop tagħha u tiġi fix-xejn. Imma aħna msejħin nagħmlu xi mistoqsijiet li jmissu l-istess identità Nisranija tagħna u r-responsabbiltajiet tagħna li nemmnu, f'dinja mħawda minn tant illużjonijiet, miġruħa minn frustrazzjonijiet kbar u mifnija minn għadd ta' gwerer bejn l-aħwa li inġustament qed jolqtu speċjalment lill-innoċenti. X'inhu l-fundament tal-missjoni? Liema hi l-qalb tal-missjoni? Liema huma l-atteġġjamenti vitali tal-missjoni?

## Il-missjoni u l-qawwa trasformanti tal-Vanġelu ta' Kristu, triq, verità u ħajja

1. Il-missjoni tal-Knisja, iddestinata għall-bnedmin kollha ta' rieda tajba, hi msejsa fuq il-qawwa trasformanti tal-Vanġelu. Il-Vanġelu hu Aħbar Tajba li ġġorr fiha ferħ li jittieħed, għax għandha u toffri ħajja ġdida: dik ta' Kristu Rxoxt, li, waqt li jagħtina l-Ispirtu tiegħu li jagħti l-ħajja, isir għalina Triq, Verità u Ħajja (ara Ġw. 14, 6). Hu Triq li tistedinna nimxu warajh b'fiduċja u kuraġġ. Meta nimxu wara Ġesù bħala t-Triq tagħna, induqu l-Verità u nirċievu l-Ħajja tiegħu, li hi komunjoni sħiħa ma' Alla l-Missier fil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, teħlisna minn kull xorta ta' egoiżmu u hi għajn ta' kreattività fl-imħabba.

2. Alla l-Missier jixtieq din il-bidla eżistenzjali ta' wliedu; bidla li tesprimi ruħha bħala qima fl-ispirtu u l-verità (ara Ġw. 4, 23-24), f'ħajja mmexxija mill-Ispirtu s-Santu fix-xebh tal-Iben Ġesù għall-glorja ta' Alla l-Missier. "Il-glorja ta' Alla hi l-bniedem ħaj" (Irinew, *Adversus hæreses*, IV, 20, 7). Hekk it-tħabbira tal-Vanġelu ssir kelma ħajja u effikaċi li twettaq dak li xxandar (ara Is. 55, 10-11), jiġifieri Ġesù Kristu, li kontinwament jitlaħħam f'kull qagħda umana (ara Ġw. 1, 14).

## Il-Missjoni u l-Kairos ta' Kristu

3. Għalhekk il-missjoni tal-Knisja mhix li xxerred ideoloġija reliġjuża, u lanqas il-proposta ta' etika mill-aqwa. Ħafna movimenti fid-dinja jafu jipproduċu ideali għoljin jew espressjonijiet etiċi notevoli. Permezz tal-missjoni tal-Knisja hu Ġesù Kristu li jissokta jevanġelizza u jaġixxi, u għalhekk hi tirrappreżenta l-*kairos*, iż-żmien it-tajjeb tas-salvazzjoni fl-istorja. Permezz tax-xandir tal-Vanġelu Ġesù jsir dejjem mill-ġdid bniedem ta' żmienna, biex min jilqgħu bil-fidi u l-imħabba jkun jista' jduq il-qawwa trasformatriċi tal-Ispirtu tiegħu ta' Rxoxt li jagħmel il-frott tiegħu fl-umanità u l-ħolqien kif tagħmel ix-xita fil-ħamrija. "Il-qawmien tiegħu mhux ħaġa tal-imgħoddi; fih hemm qawwa ta' ħajja li daħlet u xterdet mad-dinja. Fejn donnu kollox mejjet, jerġgħu jispuntaw minn

kullimkien ir-rimjiet tal-qawmien. Hi qawwa li m'hemmx bħalha" (eżortazzjoni appostolika *Evangelii gaudium*, 276).

4. Niftakru dejjem li "bħala bidu għall-eżistenza Nisranija m'hemmx xi deċiżjoni etika jew xi idea għolja, iżda hemm il-laqgħa ma' ġrajja, ma' persuna, li tagħti lill-ħajja orizzont ġdid u direzzjoni deċiżiva" (Benedittu XVI, ittra enċiklika *Deus caritas est*, 1). Il-Vanġelu hu Persuna, li kontinwament toffri ruħha u kontinwament tistieden lil min jilqagħha bil-fidi umli u ħabrieka biex ikollu sehem fil-ħajja tagħha permezz ta' parteċipazzjoni effettiva fil-misteru tal-Għid tal-mewt u l-qawmien tagħha. Il-Vanġelu għalhekk isir, permezz tal-magħmudija, għajn ta' ħajja ġdida, ħielsa mill-ħakma tad-dnub, imdawla u mibdula mill-Ispirtu s-Santu. Permezz tal-griżma jsir dilka li ssaħħaħ u, grazzi għall-istess Spirtu, juri toroq u strateġiji ġodda ta' xhieda u qrubija. U permezz tal-Ewkaristija jsir ikel tal-bniedem ġdid, "duwa ta' immortalità" (Injazju ta' Antijokja, *Epistula ad Ephesios*, 20, 2).

5. Essenzjalment id-dinja għandha bżonn tal-Vanġelu ta' Ġesù Kristu. Hu, permezz tal-Knisja, jissokta l-missjoni tiegħu tas-Samaritan it-tajjeb, jikkura l-ġrieħi jdemmgħu tal-bnedmin, u ta' ragħaj tajjeb ifittex bla waqfien lil min intilef f'mogħdijiet imxebilka u li ma jwasslu mkien. U għall-grazzja ta' Alla ma jonqsux esperjenzi sinifikanti li jagħtu xhieda tal-qawwa trasformatriċi tal-Vanġelu. Jiġini f'moħħi l-ġest ta' dak l-istudent Dinka, li bi prezz għal ħajtu stess ipproteġa student tat-tribù Neur iddestinat li jiġi maqtul. Tiġini f'moħħi dik iċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika f'Kitgum, l-Uganda



ta' fuq, f'dak iż-żmien imdemmi mill-brutalità ta' grupp ta' ribelli, meta missjunarju ġagħal lin-nies tirrepeti kliem Ġesù fuq is-salib: "Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?" bħala espressjoni ta' karba ddisprata tal-aħwa lil Kristu msallab. Dik iċ-ċelebrazzjoni kienet għan-nies għajn ta' faraġ kbir u tant kuraġġ. U nistgħu naħsbu f'għadd bla tarf ta' xhieda ta' kif il-Vanġelu jgħinna negħlbu l-għeluq, il-ġlied, ir-razziżmu, it-tribaliżmu, u nippromwovu kullimkien u fost kulħadd ir-rikonċiljazzjoni, il-fraternità u l-qsim bejn l-aħwa.



## Il-missjoni tnebbaħ għal spiritwalità ta' ħruġ, pellegrinaġġ u eżilju kontinwu

6. Il-missjoni tal-Knisja hi mmexxija minn spiritwalità ta' ħruġ kontinwu. Dan ifisser li "noħorġu mill-kumditajiet tagħna u jkollna l-kuraġġ li nilħqu l-periferiji kollha li għandhom bżonn id-dawl tal-Vanġelu" (eżortazzjoni appostolika *Evangelii gaudium*, 20). Il-missjoni tal-Knisja tistimola atteġġjament ta' pellegrinaġġ kontinwu lejn il-bosta deżerti tal ħajja, permezz tad diversi esperjenzi ta' ġuħ u għatx għall-verità u l-ġustizzja. Il-missjoni tal-Knisja tnebbaħ għal esperjenza ta' eżilju kontinwu, biex insemmgħu lill-bniedem għatxan għall-infinit il-qagħda tiegħu ta' tturufnat f'mixja lejn il-patrija finali, mifruxa bejn id-"diġà" u l-"mhux għalissa" tas-Saltna tas-Smewwiet.

7. Il-missjoni qed tgħid lill-Knisja li hi mhix fini fiha nfisha, imma hi għodda umli u medjazzjoni tas-Saltna. Knisja awtoreferenzjali, li toqgħod

tiggosta s-suċċessi tagħha fuq din l-art, mhijiex il-Knisja ta' Kristu, il-ġisem mislub u glorjuż tiegħu. Hu għalhekk mela li jeħtieġ nippreferu "Knisja miġruħa, feruta u maħmuġa għax toħroġ fit-toroq, milli Knisja marida bl-għeluq u bil-kumdità taċ-ċertezzi li magħhom hi ggranfata" (ibid., 49).

## Iż-żgħażagħ, tama tal-missjoni

8. Iż-żgħażagħ huma t-tama tal-missjoni. Il-persuna ta' Ġesù u l-Bxara t-Tajba minnu mxandra jibqgħu jiġbdu għal warajhom ħafna żgħażagħ. Huma jfittxu toroq fejn jistgħu jqiegħdu l-kuraġġ u l-inklinazzjonijiet ta' qalbhom għall-qadi tal-umanità. "Bosta huma ż-żgħażagħ li qed joffru l-għajnuna solidali tagħhom quddiem il-ħażen tad-dinja u qed jieħdu sehem f'diversi xejriet ta' ħidma u volontarjat [...]. Kemm hi ħaġa sabiħa li ż-żgħażagħ ikunu 'vjaġġaturi tal-fidi', ferħana li qed iwasslu lil Ġesù f'kull triq, f'kull pjazza, f'kull rokna tad-dinja!" (ibid., 106). L-Assemblea Ġenerali Ordinarja tas-Sinodu tal-Isqfijiet, li se tiġi ċċelebrata fl-2018 bit-tema "Iż-żgħażagħ, il-fidi u d-dixxerniment vokazzjonali", hi okkażjoni providenzjali biex ninvolvu liż-żgħażagħ fir-responsabbiltà missjunarja komuni li għandha bżonn tal-immaġinazzjoni għanja u l-kreattività tagħhom.



## Is-servizz tal-opri missjunarji pontifiċji

9. L-Opri Missjunarji Pontifiċji huma għodda prezzjuża biex f'kull komunità Nisranija nqanqlu x-xewqa li noħorġu mill-konfini tagħna u mis-sigurtajiet tagħna, u mmiddu għonqna għax-xandir tal-Vanġelu lil kulħadd. Permezz ta' spiritwalità missjunarja profonda fil-ħajja ta' kuljum, impenn kostanti ta' formazzjoni u animazzjoni missjunarja, adolexxenti, żgħażagħ, adulti, familji, saċerdoti, reliġjużi u isqfijiet huma involuti biex tixxettel f'kulħadd qalb missjunarja. Il-Jum Dinji Missjunarju,



promoss mill-Opra tal-Propagazzjoni tal-Fidi, hu l-okkażjoni t-tajba biex il-qalb missjunarja tal-komunitajiet Insara tieħu sehem bit-talb, bix-xhieda tal-ħajja u bil-komunjoni tal-ġid, ħalli twieġeb għall-ħtiġijiet gravi u vasti tal-evanġelizzazzjoni.

## Nagħmlu Missjoni ma' Marija, Omm l-Evanġelizzazzjoni

10. Għeżież ħuti, nagħmlu missjoni billi nitnebbħu minn Marija, omm l-evanġelizzazzjoni. Imqanqla mill-Ispirtu hi laqgħet il-Verb tal-ħajja fil-profondità tal-fidi umli tagħha. Ħa tgħinna l-Verġni llissnu l-'iva' tagħna fl-urġenza li nagħmlu, li tidwi l-Bxara t-Tajba ta' Ġesù fi żmienna; taqlgħalna ħeġġa ġdida ta' nies imqajma biex inwasslu lil kulħadd il-Vanġelu tal-ħajja li jirbaħ fuq il-mewt; tidħol għalina biex nistgħu niksbu l-kuraġġ qaddis li nfittxu toroq ġodda biex jasal għand kulħadd id-don tas-salvazzjoni.

Mill-Vatikan, 4 ta' Ġunju 2017
Solennità ta' Għid il-Ħamsin
FRANĠISKU



Kompetizzjoni
FR WISTIN ATTARD OFMCAP

# ROKNA GĦAT-TFAL

## NIPPARTEĊIPAW U NITGĦALLMU NUŻAW IL-BIBBJA

## AĦSEB U WIEĠEB

1. Dan kien qattiel sa mill-bidu: Kajjin, Erodi, ix-Xitan. (Ġw. 8, 44)
2. Kien qed iħarbat il-Knisja: Sawl, Pilatu, Kajfa. (Atti 8, 3)
3. Tqabad mad-Dragun: Rafel, Gabrijel, Mikiel. (Apk. 12, 7)
4. Siġra tajba tagħmel frott: ħażin, irqiq, tajjeb. (Mt. 12, 33)
5. Fittxu li tgħixu bejnietkom: fis-sliem, fil-biża', fl-għaqda. (Mk 9, 50)
6. Jordna lill-ispirti u huma: ma jobdux, joħorġu, jitilqu. (Lq. 4, 36)
7. Lili, għax ngħid is-sewwa: ma temmnunix, temmnuni, tmeruni. (Ġw. 8, 45)
8. Niżel f'belt tas-Samarija: Ġakbu, Ġwanni, Filippu. (Atti 8, 5)
9. Fejn twaddab id-Dragun: fuq l-art, fil-bir, fil-baħar. (Apk. 12, 9)
10. Tkun iġġustifikat jew ikkundannat minn: ħutek, kliemek, ħbiebek. (Mt. 12, 37)

## TISLIBA NRU 159




1. Issibhom ukoll fir-raba'. (Hos. 10, 4) (5)
2. Tiġbor il-flieles. (Mt. 23, 37) (6)
3. Ħerqa tassew hekk. (Ġuda 3) (5)
4. Minn dak li tixtieq din. (Koħ. 6, 2) (5)
5. Ħaġa ta' hekk. (Għerf 4, 19) (4)
6. Ta' dan kbir għalija. (Kol. 4, 11) (5)
7. U mbagħad ***warrab*** minnu. (Tit. 3, 10) (5)
8. '..., sejrin.' (Ġob 38, 35) (5)
9. Hekk għamel l-ilma mibdul. (Ġw. 2, 9) (3)
10. Kienet ħierġa biex timla l-ilma. (Ġen. 24, 15) (7)
11. u 12. Ħxejjex ta' dan. (Apk. 18, 13) (6)
13. Ħdejn l-ilma ta' hawn. (Dt. 32, 51) (6)
14. Bejn min ... 'l Alla u le. (Mal. 3, 18) (5)
15. Dalwaqt jispiċċaw jibnuhom. (Esd. 4, 12) (5)
16. Ħadd, li hekk jew ħelisha. (Lam. 2, 22) (5)
17. Dan oriġinali. (2 Mak. 2, 28) (5)
18. Imma dan ma samax. (2 Slat. 14, 11) (7)
19. Ta' fejn hu l-kap tas-saltna. (Efes. 2, 2) (4)
20. Qatt ma ***lemħu*** wiċċi. (Gal. 1, 22) (3)
21. Għax la ... lura. (Dan. 9, 13) (5)
22. Tar-razza dan. (Neħ. 7, 5) (5)

Agendabookshop

### Soluzzjoni għal Tisliba #158

1. Farag; 2. Armati; 3. Ixtru; 4. Vaska; 5. Abib; 6. Arżnu; 7. Aħrax; 8. Aħbar; 9. Asa; 10. Rekabin; 11. u 12. Siġill; 13. Lussuż; 14. Jiksi; 15. Bjuda; 16. Aħsbu; 17. Abjad; 18. Isejjaħ; 19. Ebda; 20. Sab; 21. Sadid; 22. Bruda.

**Ir-rebbieħa tax-xahar ta' Awwissu-Settembru 2017**

Ir-rebbieħa ta' kull kompetizzjoni jingħataw żewġ kotba mogħtija ġentilment minn **AGENDA – MILLER DISTRIBUTORS LIMITED.**
Ir-rebbieħ jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-15 tax-xahar.
Ir-rebbieħ tal-kompetizzjoni Aqta' Min Nru 30 tal-ħarġa Awwissu-Settembru 2017 huwa Manwel Busuttil Naudi - 112, Triq Ganu - B'Kara. Ir-rebbieħa tat-Tisliba # 158 hija Agnese Spiteri - 113, Triq l-Imsida - Sta Venera. Nistiednu liż-żewġ rebbieħa sabiex jiġu jiġbru l-premju mogħti lilhom mill-Uffiċċju tal-Missjoni Kapuċċini, il-Furjana.

# 8 MODI KIF TISTA' TGĦIN

## L-ewwel u qabel kollox offri t-talb u s-sagrifiċċji tiegħek għall-ħtiġijiet spiritwali tal-missjunarji.

**1. Borża ta' studju**
sabiex tgħin seminarista jsir saċerdot Franġiskan Kapuċċin. Minbarra li tkun qed tinvesti sabiex tadotta saċerdot, hu jadotta lilek billi jitlob għalik kuljum f'kull quddiesa li jqaddes f'ħajtek u wara mewtek. Kull borża ta' studju tiswa €580.

**2. Ibagħtulna bolol tajbin jew użati**
Naċċettaw kull tip ta' bolol. Tarmuhomx imma faddluhom u ibagħtuhomlna. **JEW EJJEW IXTRU BOLOL UŻATI.** Kull kilo bolol użati aħna nbigħuh b'€5 għall-missjoni.

**3. Napprezzaw li tibagħtulna rċevuti**
tal-VAT sabiex nidħlu biċ-ċans tal-lotterija u f'każ ta' rebħ kollox imur għall-missjoni.

**4. Bażar b'risq il-missjoni**
jkun miftuħ kuljum mit-Tnejn sas-Sibt bejn id-9.00 a.m. u l-11.30 a.m. Ejjew ixtru u b'hekk tkunu qed tgħinu l-missjoni.

**5. Qegħdin noħorġu ħafna flus fi spejjeż tal-posta**
sabiex inqassmu r-rivista *DAWL FRANĠISKAN* minħabba nuqqas ta' distributuri f'ċerti bliet u rħula. OFFRI B'MOD VOLONTARJU S SERVIZZ TIEGĦEK BIEX TQASSAM IR RIVISTA FIL-BELT JEW RAĦAL TIEGĦEK. Għandna bżonn: Bormla; il-Qawra; parti minn Birkirkara; l-Isla; Marsaskala u parti mill-Marsa.

**6. Għajnuna fl-edukazzjoni tat-tfal**
B'€10 fix-xahar jew €120 fis-sena tkun qed tgħin tifel jew tifla biex jingħataw edukazzjoni – uniformi tal-iskola u l-ikel fl-iskola. Tingħata l-isem u r-ritratt tat-tifel jew tifla li inti bi mħabba tadotta sabiex tagħtiha l-edukazzjoni b'xejn.

**7. Intenzjonijiet għall-quddies**
Meta tagħtu flus biex isir quddies għall-missjoni tkunu qed tagħmlu opra ta' karità doppja: tgħinu lill-missjunarji u lill-erwieħ mejtin.

**8. Meta tiġi biex tagħmel it-testment,**
wara li taħseb f'ruħek u fil-familjari tiegħek fittex li tkun ġeneruż/a BILLI TĦALLI XI ĦAĠA B'RISQ IL-MISSJONI.




**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**Fr Philip Cutajar OFMCap**
**Segretarju tal-Missjoni,**
**Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, il-Furjana**
**Telefown: 2123 3874 / 2123 4949 / 2122 5525**
**Imejl: dawlfrangiskan@gmail.com**


BOV Kont Missjoni Kenja 40019998299
Kont Missjoni Kenja 089-021505-050
APS bank Kont Missjoni Kenja 2000039057-6
BOV Kont Proġett - Hola Kenja 40019994646
Kont Proġett - Hola Kenja 089-021-505-052